

Għajnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE lill-pajjiżi l-anqas żviluppati

Il-ħtiġijiet qed jiġu indirizzati, iżda l-finanzjament mill-UE mhuwiex fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira għall-2030



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

Paragrafu

01 - 18 | **Messaġġi prinċipali**

01 - 08 | **Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?**

09 - 18 | **X'sibna u x'nirakkomandaw**

19 - 81 | **Fl-arsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna**

19 - 39 | **Il-qafas strateġiku tal-UE għe aġġornat biex jipprovdi fokus fuq il-ħtiġijiet tal-pajjiżi l-anqas żviluppati f'dak li jikkonċerna l-għajnuna għall-kummerċ, iżda ma ssarrafx fi pjan ta' azzjoni**

21 - 24 | L-aġġornament li sar fl-2017 tal-istrateġija tal-UE dwar l-għajnuna għall-kummerċ appella għal fokus akbar fuq il-pajjiżi l-anqas żviluppati

25 - 28 | L-aġġornament tal-istrateġija li sar fl-2017 ma ġie segwit minn ebda pjan ta' azzjoni bi stadji importanti u miri għall-finanzjament mill-Istati Membri jew mill-UE

29 - 32 | L-għajnuna għall-kummerċ hija kunċett wiesa' wisq biex tixpruna l-programmazzjoni għad-delegazzjonijiet tal-UE u s-sħab ta' implimentazzjoni

33 - 36 | Fil-passat kienu jitwettqu valutazzjonijiet speċifiċi tal-ħtiġijiet ta' għajnuna għall-kummerċ taħt il-Qafas Integrat Imsaħħaħ, iżda fil-biċċa l-kbira dawn waqfu jsiru

37 - 39 | Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda valutazzjoni speċifika tal-ħtiġijiet ta' għajnuna għall-kummerċ għad-dispożizzjoni tagħha, iżda d-delegazzjonijiet tal-UE jidentifikaw oqsma ta' prijorità

40 - 64 | L-għajnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE qed titwassal skont il-ħtiġijiet, iżda għadha lura ħafna milli tilħaq il-mira ta' finanzjament

- 41 - 53 | Il-mira ta' finanzjament għall-pajjiżi l-anqas żviluppati għad fadlilha ħafna biex tintlaħaq. Dan għaliex ma hemmx analiżi dettaljata li tippermetti miżuri korrettivi
- 54 - 58 | L-għajnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE lill-pajjiżi l-anqas żviluppati tkopri firxa ta' kategoriji u setturi rilevanti, iżda mhux dejjem jittieħdu passi biex il-proġetti żgur ikunu sostenibbli mil-lat ekonomiku
- 59 - 64 | Il-koordinazzjoni mid-delegazzjonijiet tal-UE hija ġeneralment tajba, iżda kien hemm opportunità mitlufa għal koordinazzjoni msaħħa mal-Istati Membri u mad-delegazzjonijiet reġjonali tal-UE

65 - 81 | Tjiebu l-monitoraġġ u r-rappurtar li twettaq il-Kummissjoni tar-riżultati u l-impatti tal-għajnuna mogħtija mill-UE għall-kummerċ, iżda mhumiex komprensivi

- 66 - 69 | Il-Kummissjoni ilha mill-2017 tippubblika rapport ta' progress annwali ddedikat għall-għajnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE
- 70 - 77 | Il-monitoraġġ u r-rappurtar kumplessivi tal-Kummissjoni rigward l-għajnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE mhumiex komprensivi
- 78 - 81 | Kejl limitat ħafna tal-impatt fuq il-kummerċ tal-appoġġ fil-kuntest tal-għajnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE

Annessi

Anness I – Dwar l-awditu

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

Kronoloġija

Tim tal-awditjar

Messaġġi prinċipali


Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?

- 01** Fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-kummerċ, u speċjalment il-kummerċ transfruntier, huwa importanti għat-tkabbir li jista' joħroġ miljuni ta' nies mill-faqar. Iżda dawn il-pajjiżi, u l-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) b'mod partikolari, iridu jindirizzaw sfidi sinifikanti li jaffettwaw il-kapaċità tagħhom li jibbenefikaw mill-kummerċ reġjonali u globali.
- 02** L-LDCs mhumiex grupp omoġenju, u filwaqt li xi wħud jaf ikollhom affarijiet inkomuni, is-sitwazzjoni u l-kundizzjonijiet tagħhom ivarjaw b'mod sinifikanti. Xi wħud huma politikament fraġli jew milquta minn kunflitt, ma għandhomx kosta jew għandhom kapaċitajiet produttivi baxxi. Xi wħud jagħtu prijorità lill-produzzjoni agrikola sabiex jiksibu s-sigurtà tal-ikel, filwaqt li oħrajn ifittxu li jiddiversifikaw il-produzzjoni biex jiżviluppaw l-esportazzjonijiet.
- 03** Il-kategorija LDC ġiet stabbilita mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-1971¹ bħala rikonoxximent mill-komunità internazzjonali li kienu meħtieġa miżuri ta' appoġġ speċjali biex jgħinuhom. L-LDCs għandhom aċċess esklużiv għal ċerti [miżuri ta' appoġġ internazzjonali](#), b'mod partikolari fl-oqsma tal-għajjnuna għall-iżvilupp u l-kummerċ. In-NU jiddefinixxu l-LDCs bħala pajjiżi li għandhom livelli baxxi ta' introjtu u li jħabbtu wiċċhom ma' impedimenti strutturali severi għall-iżvilupp sostenibbli. Bħalissa, hemm 44 pajjiż ikklassifikati bħala LDCs². Dawn jinsabu l-aktar fl-Afrika (32 pajjiż), filwaqt li hemm inqas fl-Asja (8), fil-Paċifiku (3) u fil-Karibew (1) (ara l-[Figura 1](#)).

¹ Ir-riżoluzzjoni 2768 (XXVI) tan-NU tat-18 ta' Novembru 1971.

² Lista ta' pajjiżi l-anqas żviluppati (fid-19.12.2024), NU.

Figura 1 | Mappa tal-44 pajjiż l-anqas żviluppati (fid-19 ta' Diċembru 2024)



Sors: il-QEA, abbażi ta' data mill-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Politika tal-Iżvilupp.

04 L-inizjattiva Għajnuna għall-Kummerċ (AfT) tnediet fil-Konferenza Ministerjali ta' Hong Kong tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) f'Diċembru 2005 u tikkonċerna l-għoti ta' għajnuna lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari dawk l-anqas żviluppati, biex jibnu l-kapaċità u l-infrastruttura għall-kummerċ li jeħtieġu biex jibbenefikaw mill-ftuħ tal-kummerċ. Hija parti mill-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) kumplessiva, b'għotjiet u self aġevolanti mmirati lejn programmi u proġetti relatati mal-kummerċ³.

05 Peress li l-kummerċ innifsu huwa attività wiesgħa u kumplessa, id-WTO tirrikonoxxi li l-AfT ukoll hija wiesgħa u mhux faċilment definita⁴. Hija tkopri firxa wiesgħa ta' oqsma:


- il-bini tal-kapaċità produttiva (inkluż l-appoġġ kollu għall-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, l-industrija, ir-riżorsi minerali u l-estrazzjoni tagħhom, il-banek u t-turiżmu) — l-investiment fl-industrija u s-setturi sabiex il-pajjiżi jkunu jistgħu jiddiversifikaw l-esportazzjonijiet u jibnu fuq vantaġġi komparattivi;
- l-infrastruttura ekonomika — il-bini tat-toroq, il-portijiet, il-ferroviji, il-faċilitajiet tal-enerġija u t-telekomunikazzjoni li jikkollegaw is-swieq domestiċi, reġjonali u globali;
- il-politika u r-regolamenti kummerċjali kif ukoll l-aġġustament relatat mal-kummerċ — li jgħinu lill-pajjiżi jiżviluppaw strateġiji kummerċjali, jinnegozjaw b'mod aktar effettiv u jimplimentaw l-eżiti.

³ [Aid for trade fact sheet](#), id-WTO.

⁴ *Ibid.*

06 Wara l-Konferenza tad-WTO tal-2005, fl-2007 l-UE adottat l-istrateġija tagħha stess dwar l-AfT, li ġiet aġġornata fl-2017. Fi snin reċenti, l-AfT kollettiva tal-UE (mill-UE u l-Istati Membri tagħha flimkien) għall-pajjiżi l-anqas żviluppati baqgħet relattivament stabbli. Fil-perjodu 2017–2022 din ammontat għal EUR 17.2-il biljun, filwaqt li EUR 105.8 biljun ġew ipprovduti lil pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw (ODCs, li jinkludu pajjiżi b'introjtu medju inferjuri u pajjiżi b'introjtu medju superjuri). L-appoġġ mill-UE waħedha għall-pajjiżi l-anqas żviluppati (li jinkludi għotjiet mill-Kummissjoni u self aġevolanti mill-Bank Ewropew tal-Investment — BEI) kien jirrappreżenta kważi terz ta' dan it-total, jiġifieri EUR 5.4 biljun (ara l-**Figura 2**). Il-biċċa l-kbira mill-appoġġ min-naħa tal-Kummissjoni jingħata permezz ta' delegazzjonijiet tal-UE li jikkoordinaw ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, aġenziji tal-Istati Membri għall-iżvilupp, banek tal-iżvilupp u korpi oħra ta' implimentazzjoni f'pajjiżi sħab, filwaqt li l-Istati Membri jwasslu tagħhom permezz tal-ambaxxati u l-aġenziji għall-iżvilupp.

Figura 2 | Għajjnuna għall-kummerċ lill-pajjiżi l-anqas żviluppati u pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw, 2017–2022 (impenji f'biljun EUR)



Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-Kummissjoni.

Nota: Minħabba l-ittondjar, xi totali jaf ma jkunux jikkorrispondu mas-somma taċ-ċifri separati.

07 Aħna eżaminajna, f'livell aggregat għal-LDCs kollha, u b'mod partikolari għal erba' pajjiżi (l-Angola, il-Kambodja, il-Malawi u r-Rwanda) li żorna fuq il-post, jekk il-Kummissjoni kinitx immirat, implimentat u mmonitorjat kif xieraq l-AfT mogħtija mill-UE lill-pajjiżi l-anqas żviluppati. B'mod aktar speċifiku, aħna vvalutajna jekk il-Kummissjoni:

- o ħaditx passi biex tara li l-ħtiġijiet relatati mal-AfT tal-pajjiżi l-anqas żviluppati żgur jiġu indirizzati kif xieraq f'konformità mal-istrateġija tal-UE dwar l-AfT u inkorporati biżżejjed fl-għanijiet u l-oġettivi tal-programmazzjoni għall-iżvilupp tagħha;
- o immiratx l-AfT mogħtija mill-UE b'mod suffiċjenti lejn il-pajjiżi l-anqas żviluppati u implimentatx dan l-appoġġ biex tissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom f'koordinazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħra; u
- o immonitorjatx u rappurtatx kif xieraq dwar ir-riżultati u l-impatti tal-AfT mogħtija mill-UE fil-pajjiżi l-anqas żviluppati.

L-awditu jkopri l-perjodu mill-2017 sal-2024.

08 Bir-rapport tagħna, għandna l-għan li nikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni mill-Kummissjoni tal-AfT mogħtija mill-UE lill-pajjiżi l-anqas żviluppati u li ninfurmaw lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fi kwalunkwe reviżjoni futura tal-arranġamenti ta' governanza ta' interventi ta' AfT ġodda (ara l-paragrafu [23](#)). Is-suġġett ma ġiex indirizzat mill-QEA fis-snin reċenti, u aktar informazzjoni ġenerali u dettalji dwar l-ambitu u l-approċċ tal-awditjar jinsabu fl-[Anness I](#).

X'sibna u x'nirrakkomandaw

09 B'mod ġenerali, aħna nikkonkludu li filwaqt li l-qafas strateġiku tal-AfT mogħtija mill-UE ġie aġġornat fl-2017 biex jiffoka fuq il-ħtiġijiet tal-LDCs, dan ma ssarrafx fi pjan ta' azzjoni. L-AfT mogħtija mill-UE qed titwassal lil dawn il-pajjiżi skont il-ħtiġijiet iżda mhijiex fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira ta' finanzjament għall-2030 stabbilita fl-istrateġija tal-UE.

10 Fl-2017, 10 snin wara l-ewwel strateġija tal-UE dwar l-AfT, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni li taġġorna l-istrateġija b'viżjoni mġedda. Fost affarijiet oħra, hija kellha l-għan li s-sehem tal-AfT mogħtija b'mod konġunt mill-UE u l-Istati Membri u diretta lejn l-LDCs iżżidu progressivament għal 25 % tal-AfT totali sal-2030 (ara l-paragrafi [21–24](#)).

11 Sibna li l-għan ta' fokus akbar fuq l-LDCs ma ssarrafx f'sett operazzjonali ta' oġettivi mmirati u maqbula mal-Istati Membri. Dan ikkontribwixxa għal diffikultajiet għall-UE u l-Istati Membri tagħha biex jagħmlu progress b'mod kollettiv lejn il-mira ta' finanzjament maqbula (ara l-paragrafi [25–28](#)).

- 12** Il-mira ta' finanzjament ta' 25 % għad fadlilha ħafna biex tintlaħaq. Is-sehem tal-AfT dirett lejn l-LDCs kellu medja ta' 18 % fil-perjodu 2010–2015, u minn dak iż-żmien 'il hawn naqas, u niżel għal 12 % fl-2022. Din tal-aħħar hija l-aktar sena reċenti li għaliha hemm *data* disponibbli. Il-biċċa l-kbira mill-AfT mogħtija mill-UE tibqa' diretta lejn pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw (ODCs) (ara l-paragrafi [41–44](#)).
- 13** Aħna sibna li l-Kummissjoni ma wettqet l-ebda analiżi dettaljata tar-raġunijiet għal dan it-tnaqqis fis-sehem tal-LDC. Din l-analiżi tkun tippermettilha tiegħu miżuri korrettivi (ara l-paragrafu [45](#)).



Rakkomandazzjoni 1

Jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni għall-għajjnuna għall-kummerċ għall-pajjiżi l-anqas żviluppati

Biex jintlaħaq l-oġġettiv li jkun hemm fokus akbar fuq il-pajjiżi l-anqas żviluppati, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) twettaq analiżi dettaljata tar-raġunijiet għaliex l-għajjnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE lill-pajjiżi l-anqas żviluppati ma żdiditx; u
- (b) abbażi ta' din l-analiżi, tivvaluta mill-ġdid jekk il-mira ta' finanzjament ta' 25 % għadhiex xierqa u, jekk il-mira ta' finanzjament tinżamm, tistabbilixxi pjan ta' azzjoni ddedikat għall-pajjiżi l-anqas żviluppati b'għajjnuna speċifika u realistika għal stadji kummerċjali importanti, u jekk ikun meħtieġ taqsam dawn il-pajjiżi f'sottogruppi abbażi tal-ħtiġijiet, l-isfidi, il-potenzjal kummerċjali u l-oġġettivi partikolari tagħhom.

Data ta' implimentazzjoni fil-mira: Tmiem l-2026

- 14** Diversi fatturi setgħu kkontribwew għall-allokazzjonijiet baxxi tal-AfT lill-pajjiżi l-anqas żviluppati. Pereżempju, dawn il-pajjiżi jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet fl-aċċess għal finanzjament innovattiv (bħal garanziji) u fl-ingranaġġ ta' fondi privati. Din il-problema tirriskja li tiġi aggravata fis-snin li ġejjin bl-importanza dejjem tikber tal-istrateġija [Global Gateway](#) u l-enfasi qawwija tagħha fuq il-mobilizzazzjoni tal-investiment tas-settur privat (ara l-paragrafi [46–53](#)).



Rakkomandazzjoni 2

Jittieħdu passi biex il-pajjiżi l-anqas żviluppati jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-appoġġ tal-Global Gateway għall-għajjuna għall-kummerċ

Jenħtieġ li l-Kummissjoni jew tinkorpora l-oġettivi tal-istrateġija tal-UE dwar l-għajjuna għall-kummerċ fil-Global Gateway, speċjalment għall-pajjiżi l-anqas żviluppati, jew turi b'mod espliċitu kif il-Global Gateway jenħtieġ li tappoġġa dawn l-oġettivi.

Data ta' implimentazzjoni fil-mira: Nofs l-2026

- 15** Aħna sibna li l-proġetti relatati mal-AfT li eżaminajna kienu konformi mal-ħtiġijiet tal-AfT tal-pajjiżi l-anqas żviluppati u li l-outputs ġeneralment twettqu kif ipplanat. Madankollu, f'xi każijiet hemm riskju li fis-snin li ġejjin dawn il-pajjiżi ma jkunux jistgħu jikkapitalizzaw fuq ir-riżultati u jaraw li l-proġetti żgur ikunu sostenibbli mil-lat ekonomiku (ara l-paragrafi [54–58](#)).



Rakkomandazzjoni 3

Jizziedu r-riżultati u jittieħdu passi biex l-interventi ta' għajjuna għall-kummerċ tal-UE fil-pajjiżi l-anqas żviluppati żgur ikunu sostenibbli mil-lat ekonomiku

Matul il-fażijiet ta' ppjanar u implimentazzjoni tal-interventi ta' għajjuna għall-kummerċ tal-UE fil-pajjiżi l-anqas żviluppati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffoka b'mod partikolari fuq iż-żieda tar-riżultati u t-teħid ta' passi biex il-proġetti żgur ikunu sostenibbli mil-lat ekonomiku. Pereżempju, jenħtieġ li hija tirrikjedi li, fejn xieraq, il-benefiċjarji jiżviluppaw pjan ta' direzzjoni tan-negozju jew jimplimentaw miżuri biex jimmitigaw ir-riskju li jintilef l-għarfien espert tekniku li jkun inkiseb minħabba rotazzjoni għolja tal-persunal.

Data ta' implimentazzjoni fil-mira: Tmiem l-2026

- 16** L-appoġġ fil-kuntest tal-AfT għall-pajjiżi l-anqas żviluppatti jopera f'ambjent kumpless li jinvolvi ħafna partijiet ikkonċernati. Aħna sibna li d-delegazzjonijiet tal-UE li żorna ġeneralment kellhom livell għoli ta' kooperazzjoni mal-gvern u kienu involuti fi djalogu strutturat mas-settur privat, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u donaturi internazzjonali oħra. Barra minn hekk, sibna li bejn id-delegazzjonijiet tal-UE u l-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni saru interazzjonijiet u skambju regolari (ara l-paragrafi 59–61).
- 17** Madankollu, sibna wkoll każijiet ta' interazzjoni limitata jew mhux strutturata bejn id-delegazzjonijiet tal-UE fl-LDCs u delegazzjonijiet oħra tal-UE b'responsabbiltajiet reġjonali. Barra minn hekk, meta mqabbla ma' pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw, l-LDCs ġeneralment ma jkollhomx oqfsa istituzzjonali b'saħħithom biżżejjed biex ikunu jistgħu jesprimu l-ħtiġijiet tagħhom b'rabta mal-AfT fil-livell reġjonali. Hekk kif qed jiżdiedu l-interventi mhux speċifiċi għall-pajjiż (prinċipalment permezz ta' programmi reġjonali) bl-appoġġ tal-UE relatat mal-AfT, dan in-nuqqas ta' fokus jirriskja li jsir aktar sinifikanti (ara l-paragrafi 62–64).



Rakkomandazzjoni 4

Tiġi kkordinata aħjar l-għajjnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE bejn id-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi l-anqas żviluppatti u d-delegazzjonijiet tal-UE b'responsabbiltajiet reġjonali

Jenħtieġ li l-Kummissjoni ttejjeb il-koordinazzjoni bejn id-delegazzjonijiet tal-UE fl-LDCs u d-delegazzjonijiet tal-UE b'responsabbiltajiet reġjonali meta jfasslu, jimplimentaw u jimmonitorjaw il-programm reġjonali. Dan jaf jinkludi l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' tfassil u implimentazzjoni speċifiċi għall-pajjiż biex il-programmi reġjonali relatati mal-kummerċ żgur jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-pajjiżi l-anqas żviluppatti individwali, u żgur ikun hemm struttura ta' governanza tal-proġetti aktar integrata.

Data ta' implimentazzjoni fil-mira: Tmiem l-2026

- 18** Mill-aġġornament tal-istrategġja tal-UE dwar l-AfT tal-2017 'il hawn, il-Kummissjoni ppubblikat rapporti ta' progress annwali dwar l-AfT mogħtija mill-UE li jenfasizzaw il-kontribut tal-UE għall-inizjattiva globali dwar l-AfT. Madankollu, sibna li l-monitoraġġ u r-rappurtar imwettqa mill-Kummissjoni ma kinux komprensivi fir-rigward tar-rappurtar dwar l-LDCs. Ir-rappurtar li wettqet dwar l-inputs finanzjarji:
- o ma jinkludix diżaggregazzjonijiet skont il-kategorija u s-settur għal-LDCs;
 - o huwa bbażat fuq impenji; l-impenji relatati mal-AfT jiġu rrappurtati biss b'intervall latenti ta' aktar minn sentejn;

- o ma jinkludi l-ebda indikazzjoni tal-punt sa fejn l-LDCs jibbenefikaw minn appoġġ mhux speċifiku għall-pajjiż (li jirrappreżenta parti kbira mill-AfT); u
- o ikejjel l-impatt tal-appoġġ fil-kuntest tal-AfT mogħtija mill-UE sa punt limitat ħafna (ara l-paragrafi **66–81**).



Rakkomandazzjoni 5

Jittejjeb il-monitoraġġ u r-rappurtar dwar l-għajnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE lill-pajjiżi l-anqas żviluppati

Sabiex l-interventi ġodda tal-AfT mogħtija mill-UE fil-pajjiżi l-anqas żviluppati tnejn aħjar, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- tagħmel ir-rappurtar dwar l-appoġġ tagħha fil-kuntest tal-għajnuna għall-kummerċ aktar f'waqt u aktar sinifikattiv billi tnaqqas l-intervall latenti, tirrapporta dwar il-pagamenti kif ukoll l-impenji u tinkludi diżaggregazzjonijiet stmati tal-programmi reġjonali għal kull pajjiż l-anqas żviluppat.
- tirrevedi u tagħti segwitu b'mod regolari kwalunkwe pjan ta' azzjoni għall-għajnuna għall-kummerċ għall-pajjiżi l-anqas żviluppati (ara r-Rakkomandazzjoni 1(b)), pereżempju abbażi ta' indikaturi definiti għal kull sottogrupp ta' pajjiżi l-anqas żviluppati.

Data ta' implimentazzjoni fil-mira: Tmiem l-2026

Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna

Il-qafas strateġiku tal-UE għie aġġornat biex jipprovdi fokus fuq il-ħtiġijiet tal-pajjiżi l-anqas żviluppati f'dak li jikkonċerna l-għajjnuna għall-kummerċ, iżda ma ssarrafx fi pjan ta' azzjoni

- 19** FI-2007, l-UE (b'mod konġunt mal-Istati Membri tagħha) adottat l-ewwel [strateġija tagħha dwar l-għajjnuna għall-kummerċ \(Aft\)](#), wara wegħdiet ta' appoġġ li ġew maqbula sentejn qabel fil-Konferenza Ministerjali ta' Hong Kong tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Għie mwiegħed finanzjament annwali ta' EUR 2 biljun għal assistenza relatata mal-kummerċ, b'mod ugwali, mill-baġit tal-UE (immaniġġjat mill-Kummissjoni) u mill-baġits għall-għajjnuna tal-Istati Membri tal-UE.
- 20** Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni (flimkien mal-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-UE) kinitx ħadet kont suffiċjenti tal-istrateġija aġġornata tal-UE dwar l-AfT hija u tippjana u tipprogramma l-appoġġ għall-iżvilupp. Ivvalutajna wkoll jekk il-Kummissjoni ratx li l-ħtiġijiet tal-AfT tal-pajjiżi l-anqas żviluppati żgur kienu ġew ivvalutati b'mod xieraq abbażi ta' metodoloġija li ħadet inkunsiderazzjoni l-prijoritajiet tal-istrateġija tal-UE dwar l-AfT, il-ħtiġijiet li qed jevolvu fl-LDCs u l-kundizzjonijiet li qed jinbidlu.

L-aġġornament li sar fl-2017 tal-istrateġija tal-UE dwar l-għajnuna għall-kummerċ appella għal fokus akbar fuq il-pajjiżi l-anqas żviluppati

21 Fl-2017, 10 snin wara l-ewwel strateġija tal-UE dwar l-AfT, il-Kummissjoni ħarġet [komunikazzjoni](#) li tagħġorna l-istrateġija b'viżjoni mġedda. Din stabbiliet modi kif l-UE tista' tagħmel l-istrateġija aktar effettiva billi timmodernizza l-appoġġ fil-kuntest tal-AfT u timmirah aħjar, b'mod partikolari lejn "Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità". Hija poġġiet ukoll fokus akbar fuq id-dimensjonijiet soċjali u ambjentali tas-sostenibbiltà, flimkien mat-tkabbir ekonomiku inklużiv u r-rabtiet eżistenti bejn l-investiment u l-kummerċ li jeħtieġ li jiġu sfruttati bis-sħiħ sabiex jintlaħqu l-[Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli \(SDGs\) tan-NU għall-2030](#). L-istrateġija aġġornata kienet teħtieġ il-bidliet fundamentali li ġejjin mill-prattiki eżistenti⁵:

- "Titnaqqas il-frammentazzjoni attwali u jżied l-ingranaġġ tal-għajnuna għall-kummerċ permezz ta' twassil li jkun informat u kkoordinat aħjar;
- Jżied l-impatt tal-għajnuna tal-UE għall-kummerċ billi tiġi żgurata koerenza sħiħa mal-maġġoranza tal-istrumenti bejn il-politiki esterni tal-UE u jsir l-aħjar użu minnhom, b'mod partikolari l-Pjan ta' Investiment Estern il-ġdid, ftehimiet kummerċjali u skemi ta' kummerċ;
- Enfasi aktar qawwija fuq id-dimensjonijiet soċjali u ambjentali tas-sostenibbiltà, flimkien ma' tkabbir ekonomiku inklużiv;
- Divrenzjar aħjar ta' pajjiżi b'aktar attenzjoni fuq l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u fuq sitwazzjonijiet ta' fraġilità; u
- Titjib fil-monitoraġġ u r-rappurtar".

⁵ [Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, 13.11.2017, Niksbu l-Prosperità permezz tal-Kummerċ u l-Investiment Aġġornament tal-Istrateġija Konġunta tal-UE tal-2007 dwar Għajnuna għall-Kummerċ.](#)

- 22** L-aġġornament tal-2017 stabbilixxa mira li jiżdied il-proporzjon tal-AfT kumplessiva mogħtija mill-UE u mill-Istati Membri lill-pajjiżi l-anqas żviluppati, bl-għan li jkun hemm żieda progressiva minn 18 % (il-medja tal-perjodu 2010–2015) għal 25 % tal-AfT totali sal-2030. Din il-mira ta' finanzjament kienet konsistenti mal-[mira 8.a tal-SDG dwar l-għajjnuna għall-kummerċ](#) ("Tiżjid tal-appoġġ fil-kuntest tal-AfT għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari l-pajjiżi l-anqas żviluppati, inkluż permezz tal-Qafas Integrat Imsaħħaħ għall-Assistenza Teknika Relatata mal-Kummerċ lil-LDCs") u kienet mistennija li tgħin biex tintlaħaq il-[mira 17.11 tal-SDG](#) li jiġi rduppjat is-sehem tal-esportazzjonijiet globali mil-LDCs sal-2020.
- 23** L-aktar verżjoni reċenti tal-istrategġija issa għandha 8 snin, u ma sarx aġġornament ulterjuri wara l-2017. Sadanittant, tnedew u qed jiṭṭhaddmu b'mod parallel inizjattivi oħra tal-UE li huma relatati. Pereżempju, il-[komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami tal-politika kummerċjali 2021](#) inkludiet diversi oqsma ta' prijorità relatati mal-kummerċ mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bħall-promozzjoni ta' ktajjen tal-valur responsabbli u sostenibbli, il-kontribut għall-SDGs u t-tiżi tas-sħubijiet tal-UE mal-Afrika.
- 24** F'Diċembru 2021, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà nedew il-[komunikazzjoni konġunta uffiċjali dwar l-istrategġija Global Gateway](#). Din għandha impatt fuq l-AfT, minħabba l-għan tagħha li timmobilizza l-investimenti fl-infrastruttura strateġika ewlenija tat-trasport, tal-enerġija u tal-qasam diġitali b'appoġġ għall-isforzi tas-sħab tal-UE biex jaċċelleraw it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali u jgħinu biex jiżdiedu l-kummerċ u l-iskambji bejn il-persuni. L-istrategġija tikkombina għodod finanzjarji (li għandhom l-għan li jisfruttaw l-investment mis-settur privat) ma' għodod operazzjonali bħall-assistenza teknika, id-djalogu politiku u ekonomiku, il-ftehimiet kummerċjali u ta' investment u l-istandardizzazzjoni, biex jgħinu joħolqu kundizzjonijiet aħjar għal investimenti ta' kwalità. Madankollu, ma tagħmel l-ebda referenza għall-istrategġija tal-UE dwar l-AfT.

L-aġġornament tal-istrategġija li sar fl-2017 ma ġie segwit minn ebda pjan ta' azzjoni bi stadji importanti u miri għall-finanzjament mill-Istati Membri jew mill-UE

- 25** Fiż-żmien meta ġiet aġġornata l-istrategġija fl-2017, 18 % tal-AfT kollettiva mogħtija mill-UE (medja matul il-perjodu 2010–2015) kienet qed tiġi diretta lejn l-LDCs, u l-biċċa l-kbira mill-bqija ntefget f'ODCs. L-istrategġija aġġornata stabbiliet l-oġettiv politiku li dan il-proporzjon jiżdied għal 25 % sal-2030, li għandu jintlaħaq b'mod konġunt mill-UE u l-Istati Membri tagħha (ara l-paragrafu 22). Ma ngħatajniex ġustifikazzjoni dokumentata għad-daqs ta' din il-mira. Madankollu, skont il-Kummissjoni, din kienet ibbażata kemm fuq il-wegħda li l-pajjiżi donaturi kienu għamli fir-rigward tal-ODA ġenerali⁶ kif ukoll fuq il-proposta li l-Istati Membri jenħtieġ li jwasslu ċertu proporzjon tal-għajjuna tagħhom lil-LDCs⁷.
- 26** Il-Kummissjoni qieset li l-għan ta' 25 % kien raġonevoli u li l-UE u l-Istati Membri setgħu jilħquh. Dan ma kienx ibbażat fuq valutazzjoni kwantifikata tal-ħtiġijiet tal-pajjiżi l-anqas żviluppati b'rabta mal-AfT meta mqabbla ma' daww ta' pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw. Il-mira lanqas ma għamlet konċessjoni għall-gradwazzjoni potenzjali tal-LDCs fil-perjodu 2017–2030, li tkun taffettwa l-kalkolu (ara l-paragrafu 04 tal-*Anness I*).
- 27** Sibna li din il-mira ta' finanzjament ma ssarrfitx f'oġettiv operazzjonali u mmirat. Lanqas ma ġiet tradotta f'sett ta' oġettivi maqbula mal-Istati Membri, li setgħu inkludew:
- o stadji importanti intermedji għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-ilħuq tagħha;
 - o miri individwali għall-UE u l-Istati Membri tagħha;
 - o miri individwali għal kull LDC jew grupp ta' LDCs abbażi tal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, jew għal kull kategorija ta' appoġġ fil-kuntest tal-AfT (ara l-paragrafu 05);
 - o jittieħed kont tal-impatt potenzjali tal-gradwazzjoni ta' xi LDCs (eż. telf ta' aċċess għall-iskema Kollox Minbarra Armi — ara l-*Anness I*, il-paragrafu 10).
- 28** Jekk il-mira ma tinqasamx f'passi skedati jew f'responsabbiltajiet maqbula bejn l-UE u l-Istati Membri individwali, se jkun diffiċli ħafna għall-UE u l-Istati Membri tagħha biex jilħqu kollettivament il-mira maqbula.

⁶ “International Development Strategy for the Second United Nations Development Decade”, Ritoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 2626 (XXV), l-24 ta' Ottubru 1970, il-paragrafu 43.

⁷ Il-Premessa 22 tar-*Regolament NDICI*.

L-ġhajjnuna għall-kummerċ hija kunċett wiesa' wisq biex tixpruna l-programmazzjoni għad-delegazzjonijiet tal-UE u s-sħab ta' implimentazzjoni

- 29** FI-LDCs li żorna, l-AfT bħala strateġija jew kunċett ma tidhirx b'mod espliċitu fil-programmazzjoni tad-delegazzjonijiet tal-UE, kif stabbilit fil-programmi indikattivi pluriennali (MIPs) nazzjonali jew reġjonali. Aħna sibna li d-delegazzjonijiet tal-UE u s-sħab ta' implimentazzjoni ma qisux il-kunċett tal-AfT bħala rilevanti, utli jew preċiż biżżejjed biex jiggwidahom huma u jimmiraw l-appoġġ.
- 30** Minflok, l-appoġġ huwa dirett lejn oqsma speċifiċi relatati mal-AfT (bħall-iżvilupp tal-kapaċità produttiva, id-diversifikazzjoni, it-titjib tal-ktajjen tal-valur u l-infrastruttura, il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, u t-titjib tal-ambjent tan-negozju). Dawn jitqiesu aktar rilevanti abbażi tal-ħtiġijiet identifikati fil-pajjiżi sħab.
- 31** Għal skopijiet prattiċi u ta' rappurtar, id-WTO u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) iddefinew l-AfT biex jinkludu firxa wiesgħa ta' interventi u setturi li jkopru kważi 100 [kodiċi tal-Kumitat ta' Għajjnuna għall-Iżvilupp \(DAC\)](#). Dawn huma miġbura taħt tliet kategoriji prinċipali: l-infrastruttura ekonomika, il-bini tal-kapaċità produttiva, u l-politika u r-regolamenti kummerċjali (ara l-paragrafu [05](#)). Fil-livell tal-UE, ma għadx hemm markatur tal-politika tal-iżvilupp kummerċjali għan-nefqa fir-[Regolament NDICI-Ewropa Globali](#) peress li l-OECD waqqfitu fl-2021 minħabba r-riskju li jiġi interpretat ħażin⁸.
- 32** Organizzazzjonijiet oħra bħall-Bank Dinji⁹ japplikaw definizzjonijiet differenti tal-AfT għall-iskopijiet tagħhom stess, u jiddefinixxu l-AfT b'mod aktar strett biex jeskludu proġetti ta' infrastruttura.

⁸ [Follow-up to the review of the Trade Development policy marker](#), l-OECD.

⁹ [What is the World Bank doing on aid for trade?](#) (p. 3, nota 4 f'qiegħ il-paġna); u [2023 EU AfT progress report](#) (p. 158).

Fil-passat kienu jitwettqu valutazzjonijiet speċifiċi tal-ħtiġijiet ta' għajnuna għall-kummerċ taħt il-Qafas Integrat Imsaħħaħ, iżda fil-biċċa l-kbira dawn waqfu jsiru

- 33** Huwa importanti li l-Kummissjoni tara li l-ħtiġijiet tal-pajjiżi l-anqas żviluppati f'dak li jikkonċerna l-AfT żgur jiġu vvalutati b'mod xieraq, u li l-LDCs juru sjieda tal-appoġġ minn donaturi internazzjonali sabiex jippromwovu s-suċċess u s-sostenibbiltà. Jenħtieġ, għalhekk, li l-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet, inklużi dawk relatati mal-AfT, jinkludu proċessi li jinvolvu l-gvernijiet tal-pajjiżi sħab u l-partijiet ikkonċernati. Din tista' tkun sfida peress li l-LDCs ġeneralment ikollhom oqfsa istituzzjonali u strateġiċi idgħjef minn dawk tal-ODCs. Barra minn hekk, skont stħarriġ tad-delegazzjonijiet tal-UE¹⁰, għal kważi kwart tal-LDCs, l-iżvilupp tal-kummerċ mhuwiex integrat b'mod effettiv f'dokument strateġiku għall-pajjiż jew ir-reġjun.
- 34** Fil-passat, mill-perjodu li fih tnieda l-kunċett tal-AfT mid-WTO fl-2005, twettqu valutazzjonijiet speċifiċi tal-ħtiġijiet tal-pajjiżi l-anqas żviluppati f'dak li jikkonċerna l-AfT (magħrufa bħala “studji djanjostiċi dwar l-integrazzjoni tal-kummerċ”) taħt il-Qafas Integrat Imsaħħaħ (EIF). L-UE hija waħda mis-sħab ta' finanzjament tal-EIF. Permezz ta' dawn l-istudji, l-EIF kellu l-għan li jipprovdi lill-pajjiżi l-anqas żviluppati b'għodod analitiċi għall-integrazzjoni tal-kummerċ u bażi komuni għall-prijoritizzazzjoni u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi, inkluż l-appoġġ tad-donaturi. Madankollu, l-istudji ġeneralment ma nżammux aġġornati f'dawn l-aħħar snin (mhux aktar minn 20 % tal-istudji djanjostiċi dwar l-integrazzjoni tal-kummerċ għal-LDCs ġew aġġornati mill-2017 'il hawn), u tlieta mill-erba' delegazzjonijiet tal-UE li żorna (bl-eċċezzjoni tal-Kambodja) ma kinux familjari ma' dawn l-istudji u ma użawhomx għall-eżerċizzju ta' programmazzjoni.
- 35** L-EIF ġie kkritikat f'evalwazzjoni tal-2021¹¹ minħabba nuqqas ta' fokus speċifiku għall-pajjiż. Fil-pajjiżi li żorna, ir-rapporti dwar l-utilità tal-EIF kienu mħallta. Il-Gvern tar-Rwanda sab li l-għajnuna li kien irċieva fil-programmazzjoni u fl-appoġġ ta' strateġija ta' implimentazzjoni għaż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Kontinentali Afrikana kienet pożittiva, għalkemm f'dawn l-aħħar 5 snin kien hemm inqas riżultati ta' dan it-tip. Min-naħa tiegħu, il-Malawi rrapporta li l-EIF kien ikkontribwixxa għal żieda fl-esportazzjonijiet ta' għelejjel taż-żrieragħ żejtnija, fażola tas-sojja u karawett. Fl-Angola ma kien hemm l-ebda għarfien tal-attivitajiet tal-EIF, u fil-Kambodja kien kemm attività limitata kif ukoll proġetti ta' utilità dubjuża.

¹⁰ “Enhancing international trade by least developed countries” — Studju komplementari għar-rapport ta' progress tal-2023 dwar l-AfT mogħtija mill-UE, il-Kummissjoni Ewropea.

¹¹ [Evaluation of the Enhanced Integrated Framework, final evaluation report](#), Saana Consulting, id-9 ta' Diċembru 2021.

- 36** L-evalwazzjoni rrikonoxxiet ukoll li, għalkemm jikkostitwixxu qafas analitiku stabbilit sew u b'saħħtu li jgħin lill-pajjiżi jifhmu aħjar ir-restrizzjonijiet għall-kummerċ li qed iħabbtu wiċċhom magħhom, l-istudji u l-aġġornamenti djanjostiċi tal-integrazzjoni tal-kummerċ jeħtieġu proċess analitiku li fih l-LDCs jaf ma jkunux jistgħu jipparteċipaw b'mod sinifikattiv minħabba l-isforz kbir u l-isfidi li jinvolvi, u fid-dawl ta' kemm ir-rakkomandazzjonijiet jiskadu malajr.

Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda valutazzjoni speċifika tal-ħtiġijiet ta' għajnuna għall-kummerċ għad-dispożizzjoni tagħha, iżda d-delegazzjonijiet tal-UE jidentifikaw oqsma ta' prijorità

- 37** Fix-xogħol ta' ppjanar kumplessiv tiegħu, il-persunal tal-Kummissjoni, kemm dak fil-kwartieri ġenerali kif ukoll dak fid-delegazzjonijiet tal-UE, jivvaluta l-ħtiġijiet tal-LDCs fil-qasam tal-iżvilupp u t-tkabbir ekonomiku. Id-delegazzjonijiet tal-UE jikkonsultaw firxa ta' dokumenti uffiċjali u partijiet ikkonċernati biex jagħmlu dan. Fl-erba' LDCs li żorna, kien hemm pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali jew strateġiji ta' esportazzjoni li wrew il-prijoritajiet tal-gvern u l-lakuni għall-iżvilupp tal-kummerċ. Barra minn hekk, id-delegazzjonijiet tal-UE ħadmu flimkien ma' ministeri, is-settur privat, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet internazzjonali mhux governattivi u sħab donaturi oħra biex jidentifikaw il-ħtiġijiet u jibnuhom fil-programmazzjoni tal-appoġġ.
- 38** Il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet identifikati kkontribwew għall-programmazzjoni kumplessiva tal-UE għall-iżvilupp permezz ta' programmi indikattivi nazzjonali (PIN) għall-perjodu 2014–2020, u l-MIPs tal-pajjiżi għall-perjodu 2021–2027, li jistabbilixxu prijoritajiet u objettivi wiesgħa, iżda wkoll permezz ta' programmi reġjonali billi xi problemi relatati mal-kummerċ jistgħu jiġu indirizzati biss fi ħdan qafas reġjonali. Programmi reġjonali, li jkopru gruppi ta' pajjiżi sħab abbażi tal-pożizzjoni ġeografika tagħhom, kienu inkludew lil-LDCs iżda ma kinux immirati speċifikament lejhom. Id-delegazzjonijiet tal-UE li żorna ma setgħux jipprovdu informazzjoni dwar il-punt sa fejn il-programmi reġjonali koprew l-LDCs meta mqabbla ma' pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw.

39 Sors potenzjali ieħor għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet huwa l-**indiċi tal-kapaċitajiet produttivi** tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD), li ġie prodott għal kull LDC u li għandu 8 komponenti u 42 indikatur sottostanti. L-indiċi huwa mfassal biex jidentifika oqsma li fihom il-pajjiżi jaf ikunu qegħdin fuq quddiem jew ikunu qed jaqgħu lura, filwaqt li jenfasizza fejn ikunu qed jaħdmu l-politiki u fejn huwa meħtieġ titjib. Huwa jissuġġerixxi pjan direzzjonali għal azzjonijiet u interventi ta' politika futuri taħt kull wieħed mill-komponenti tiegħu. L-indiċi, ikkalkulat b'mod retroattiv, imur lura għall-2000, u jiġi rieżaminat kull 3 snin. Fl-LDCs saru wkoll **valutazzjonijiet tad-distakk fil-kapaċitajiet produttivi nazzjonali**, flimkien ma' analiżi tar-rati ta' utilizzazzjoni li l-LDCs għamlu mill-appoġġ. Madankollu, id-delegazzjonijiet tal-UE ma użawx dawn l-għodod biex jidentifikaw il-ħtiġijiet fl-ebda wieħed mill-erba' LDCs miżjura.

L-għajnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE qed titwassal skont il-ħtiġijiet, iżda għadha lura ħafna milli tilħaq il-mira ta' finanzjament

40 L-istrateġija tal-UE dwar l-AfT 2017 kellha l-għan li żżid il-proporzjon tal-AfT kumplessiva mogħtija mill-UE u mill-Istati Membri diretta lejn il-pajjiżi l-anqas żviluppati. Hija poġġiet ukoll fokus aktar qawwi fuq id-dimensjonijiet soċjali u ambjentali tas-sostenibbiltà, u fuq it-tkabbir tar-rilevanza tal-appoġġ fil-kuntest tal-AfT mogħtija mill-UE (ara l-paragrafu **21**). F'din it-taqsim, aħna neżaminaw jekk:


- il-Kummissjoni mmiratx l-LDCs b'mod suffiċjenti;
- l-appoġġ fil-kuntest tal-AfT mogħtija mill-UE kopriex kategoriji u setturi rilevanti skont il-ħtiġijiet tal-LDCs; u
- l-AfT mogħtija mill-UE ġietx implimentata b'mod koordinat.

Il-mira ta' finanzjament għall-pajjiżi l-anqas żviluppati għad fadlilha ħafna biex tintlaħaq. Dan għaliex ma hemmx analiżi dettaljata li tippermetti miżuri korrettivi

Il-Kummissjoni tirrapporta li l-għajnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE għall-pajjiżi l-anqas żviluppati hija ferm inqas mill-mira

- 41** Kif irrappurtat mill-Kummissjoni, il-mira ta' finanzjament ta' 25 % sal-2030 (ara l-paragrafu 22) stabbilita mill-istrateġija tal-UE dwar l-AfT għad fadlilha ħafna biex tintlaħaq. Minn medja ta' 18 % matul il-perjodu 2010–2015, u 15 % meta l-mira ġiet stabbilita fl-2017, is-sehem tal-AfT kollettiva mogħtija mill-UE lil-LDCs ma rnexxielux jżied u saħansitra naqas għal 12 % fl-2022 (l-aktar sena reċenti li għaliha hemm *data* disponibbli) (ara l-[Figura 3](#)).

Figura 3 | Sehem tal-għajnuna għall-kummerċ kollettiva mogħtija mill-UE lil-pajjiżi l-anqas żviluppati




Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

- 42** Is-sehem tal-appoġġ mogħti mill-UE biss fil-kuntest tal-AfT dirett lejn l-LDCs (medja ta' 12 % matul il-perjodu 2017–2022) kien aktar baxx minn dak mogħti mill-Istati Membri (15 %) (ara l-[Figura 2](#)). Skont id-*data* pprovduta mill-Kummissjoni, tqabbil mal-ishma korrispondenti allokatati mill-Bank Dinji (65 %) u l-Ġappun (32 %) jindika li l-LDCs jingħataw prijorità aktar baxxa fl-AfT mogħtija mill-UE.

- 43** Il-biċċa l-kbira mill-AfT kollettiva mogħtija mill-UE hija diretta lejn ODCs. Fil-perjodu 2017–2022, l-AfT mogħtija mill-UE biss lis-sitt beneficijarji ewlenin (it-Turkija, l-Eġittu, l-Ukrajna, il-Marokk, is-Serbja u l-Indja) ammontat għal EUR 15.2-il biljun. Dan huwa kważi tliet darbiet l-ammont għall-appoġġ mogħti mill-UE biss fil-kuntest tal-AfT lit-48 LDC kollha kkombinati matul l-istess perjodu, li ammonta għal EUR 5.4 biljun (ara l-paragrafu [04](#) tal-[Anness I](#)).
- 44** F'termini reali, il-volumi tal-AfT mogħtija mill-UE biss u dik kollettiva mogħtija mill-UE lill-pajjiżi l-anqas żviluppatti wkoll staġnaw f'dawn l-aħħar snin (ara l-[Figura 4](#)).

Figura 4 | Għajjnuna għall-kummerċ kollettiva mogħtija mill-UE u dik mogħtija mill-UE biss lill-pajjiżi l-anqas żviluppatti (f'miljun EUR, prezzijiet kostanti tal-2022)



Sors: il-QEA, abbażi tar-rapport ta' progress tal-2024 dwar l-għajjnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE.

Il-Kummissjoni ma wettqet l-ebda analiżi dettaljata li tkun tippermettilha tiegħu miżuri korrettivi

- 45** Il-fatt li l-finanzjament mill-UE ma jilħaqx sew il-mira għal-LDCs ilu li ġie rikonoxxut mill-2021 f'rapporti ta' progress sussegwenti dwar l-AfT mogħtija mill-UE. Madankollu, il-Kummissjoni ma wettqet l-ebda analiżi dettaljata tar-raġunijiet korrispondenti li jkunu jippermettulha tiegħu miżuri korrettivi biex tilħaq jew tivvaluta mill-ġdid il-mira.
- 46** Jaf hemm diversi fatturi li jikkontribwixxu għall-ftit fokus li hemm, fil-prattika, fuq il-pajjiżi l-anqas żviluppatti mil-lat tal-allokazzjonijiet tal-AfT, billi dawn il-pajjiżi jħabbtu wiċċhom ma' sfidi sinifikanti li jeħtieġu kunsiderazzjoni speċifika (ara l-paragrafu [01](#)).

- 47** L-ewwel nett, nofs l-AfT mogħtija mill-UE lill-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw twasslet permezz ta' self fil-perjodu 2017–2022 (ara l-paragrafu [04](#)). Madankollu, huwa diffiċli għal-LDCs li jaċċessaw dan it-tip ta' appoġġ, li huwa kkaratterizzat minn finanzjament innovattiv u mill-ingranaġġ ta' fondi privati. Studju estern¹² użat għall-[evalwazzjoni tal-Istrumenti ta' Finanzjament Estern tal-Unjoni Ewropea għall-Oqfsa Finanzjarji Pluriennali 2014–2020 u 2021–2027](#) enfasizza d-diffikultajiet fl-użu ta' garanziji f'pajjiżi fraġli u anqas żviluppati. Dan il-punt tqajjem ukoll fl-[Opinjoni 03/2024 tagħna li takkumpanja l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna](#). Konsegwentement, il-finanzjament tal-LDCs minflok għandu t-tendenza li jkun limitat għall-għotjiet. Fil-perjodu 2017–2022, 78 % tal-AfT mogħtija mill-UE allokata lill-pajjiżi l-anqas żviluppati twasslet permezz ta' għotjiet, meta mqabbla ma' 22 % biss li twasslet permezz ta' self.
- 48** Hemm riskju li din il-problema għal-LDCs tiżdied fis-snin li ġejjin hekk kif l-importanza tal-istrateġija [Global Gateway](#) tikber. Global Gateway hija prinċipalment implimentata permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus b'garanziji u skemi li jħalltu l-għotjiet mas-self. Dawn għandhom l-għan li jattiraw investimenti addizzjonali minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra u mis-settur privat, iżda huma inqas attraenti għall-investiment fl-LDCs. L-intervisti li wettaqna mad-delegazzjonijiet tal-UE, l-awtoritajiet nazzjonali u partijiet ikkonċernati oħra fl-erba' pajjiżi li żorna indikaw li dan l-approċċ kien inqas adattat minħabba s-sitwazzjoni ekonomika fraġli tagħhom, il-vulnerabbiltà tad-dejn tagħhom, u l-kapaċità limitata tas-settur privat li jħallas lura f'muniti barranin (ara l-[Kaxxa 1](#)).

Kaxxa 1

Eżempji ta' sfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-LDCs li żorna biex jiksbu aċċess għal finanzjament innovattiv u jingranaw fondi privati

Fl-**Angola**, kellu jitnieda proġett tal-BEI biex jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament għas-settur privat, filwaqt li jappoġġa l-linji ta' kreditu tal-banek. Intgħażlu żewġ banek, iżda l-proġett spiċċa ma tnediex, billi l-banek ma rnexxielhomm jgħaddu mit-testijiet tal-kwalità tad-diliġenza dovuta.

¹² European Union's external financing instruments (2014–2020 and 2021–2027), volum I, rapport ta' sinteżi, konklużjoni 5, p. 65.

Fil-**Kambodja**, skont id-delegazzjoni tal-UE, ir-rati tal-imgħax tal-BEI huma għoljin meta mqabbla ma' istituzzjonijiet oħra ta' finanzjament, bħall-Bank Asjatiku tal-Iżvilupp u l-Bank Dinji, li joffru rati skontati ferm. Il-Gvern Kambodjan għalhekk jippreferi dawk il-banek l-oħra. Dan jagħmilha diffiċli biex jiġi mobilizzat is-self tal-BEI, ħlief għal proġetti ta' finanzjament imħallat, fejn il-BEI jirnexxielu jiżgura għotjiet assoċjati sostanzjali.

Fil-**Malawi**, l-esperjenza wriet li l-banek privati jsibuha bi tqila li jkunu involuti fl-interventi tal-AfT mogħtija mill-UE, bħall-proġett ta' **Kulima "Access to Finance"** implimentat mill-BEI, minħabba li ma jridux jieħdu riskji ma' klijenti li ma jesportawx u ma jaħdmux b'muniti barranin. Inizjalment, il-benefiċjarji finali tal-proġett suppost kellhom ikunu bdiewa b'azjenda agrikola zġħira u intrapriżi zġħar u ta' daqs medju (SMEs) li jaħdmu magħhom biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħhom. Madankollu, il-banek kummerċjali lokali li pprovdew self permezz ta' dan il-proġett taw self biss lil klijenti kbar li kienu diġà ħadmu magħhom (madwar 90 % tal-fondi marru għand kumpaniji ta' negozju agrikolu); għalhekk, il-popolazzjoni fil-mira prinċipali ma bbenefikatx direttament minn dan il-proġett.

- 49** It-tieni, skont il-Kummissjoni, l-appoġġ fil-kuntest tal-AfT mogħtija mill-UE lil pajjiżi li qed jiżviluppaw fis-settur agrikolu, li huwa kruċjali għal-LDCs (ara l-paragrafu **55**), jidher li qed inaqas ir-ritmu¹³, u l-investimenti fl-infrastruttura ekonomika qed jikbru, b'mod partikolari permezz tal-prijoritizzazzjoni min-naħa ta' Global Gateway, tal-investimenti fil-kurituri tat-trasport. Din ix-xejra kumplessiva fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw kienet diġà ġiet innutata fl-2022, meta l-investment, bis-saħħa tal-AfT mogħtija mill-UE, fl-infrastruttura ekonomika qabeż kemm kemm l-investment fil-bini tal-kapaċità produttiva¹⁴.
- 50** Dan jikkuntrasta mas-sitwazzjoni fl-LDCs, fejn, fl-istess sena, l-investimenti fl-infrastruttura ekonomika kienu jirrappreżentaw 37 % tal-AfT mogħtija mill-UE meta mqabbla ma' 62 % għall-bini tal-kapaċità produttiva. L-LDCs għadhom f'fażi, fl-iżvilupp ekonomiku tagħhom, li fiha jeħtieġ li jkabbru l-kapaċità produttiva tagħhom.
- 51** It-tielet fattur li jikkontribwixxi għall-istaġnar tal-appoġġ fil-kuntest tal-AfT mogħtija mill-UE fil-pajjiżi l-anqas żviluppati huwa s-sehem dejjem akbar ta' appoġġ mhux speċifiku għall-pajjiż, jiġifieri AfT li mhijiex allokata lil pajjiżi individwali. Dan is-sehem żdied minn 18 % tal-AfT mogħtija mill-UE fl-2017 għal 39 % fl-2022. L-appoġġ mhux speċifiku għall-pajjiż jitwassal prinċipalment lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw (inklużi l-LDCs) permezz ta' MIPs reġjonali, li jkopru diversi pajjiżi li mhux neċessarjament jappartjenu għall-istess grupp ta' introjtu.

¹³ Ir-rapport ta' progress tal-2024 dwar l-AfT mogħtija mill-UE, p. 10.


¹⁴ *Ibid.*, p. 35.

- 52** Aħna sibna li ż-żewġ MIPs reġjonali li jkopru l-maġġoranza l-kbira tal-LDCs (l-Afrika sub-Saħarjana, u l-Asja u l-Paċifiku) ma kellhom l-ebda fokus partikolari fuq l-LDCs meta pprogrammaw l-għajjnuna li tkopri ż-żoni tal-AfT, mil-lat ta' objettivi speċifiċi, tip ta' appoġġ jew riżultati mistennija. Skont id-delegazzjonijiet tal-UE li intervistajna, dan jirriżulta f'kompetizzjoni bejn il-pajjiżi (LDCs u ODCs) għar-riżorsi, b'mod partikolari għal operazzjonijiet ta' taħlit fil-livell tal-pajjiżi. Xi LDCs b'oqfsa istituzzjonali u kapaċità teknika aktar b'saħħithom, bħall-Kambodja, marru tajjeb, filwaqt li oħrajn ma għandhomx ir-riżorsi meħtieġa biex jikkollaboraw b'mod effettiv ma' diversi segretarjati tal-komunità ekonomika reġjonali u ma' delegazzjonijiet "reġjonali" tal-UE barra mit-territorju tagħhom. Dan kien il-każ, pereżempju, fil-Malawi (ara l-paragrafu 64).
- 53** Fl-aħħar nett, l-oqfsa istituzzjonali dgħajfa u/jew in-nuqqas ta' esperjenza bl-ODA f'xi LDCs huwa fattur ieħor li jikkontribwixxi għal-livell baxx tagħhom ta' AfT mogħtija mill-UE. Mill-erba' pajjiżi li żorna, dan kien partikolarment il-każ għall-Angola, li ftit li xejn irċeviet appoġġ mill-UE fil-kuntest tal-AfT fil-perjodu 2017–2022 meta mqabbel ma' LDCs oħra (kemm f'termini assoluti — EUR 11.8-il miljun — u speċjalment *per capita*). Skont id-delegazzjoni tal-UE, l-Angola hija benefiċjarju relattivament reċenti tal-ODA mill-UE (minn xil-2010). Dan ifisser li l-mekkaniżmi meħtieġa għall-ġestjoni tal-għajjnuna għall-iżvilupp għadhom mhumieħ maturi.

L-għajjnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE lill-pajjiżi l-anqas żviluppati tkopri firxa ta' kategoriji u setturi rilevanti, iżda mhux dejjem jittieħdu passi biex il-proġetti żgur ikunu sostenibbli mil-lat ekonomiku

- 54** L-AfT hija wiesgħa u tkopri tliet kategoriji prinċipali u firxa wiesgħa ta' setturi (ara l-paragrafu 05). L-AfT mogħtija mill-UE lill-pajjiżi l-anqas żviluppati hija kkonċentrata fuq żewġ kategoriji prinċipali: "infrastruttura ekonomika" u "bini tal-kapaċità produttiva", li jirrappreżentaw 53 % u 44 % tal-AfT totali mogħtija mill-UE rispettivament matul il-perjodu 2017–2022. It-tielet kategorija tal-AfT, "politika u r-regolamenti kummerċjali", kienet tirrappreżenta biss 3 % matul l-istess perjodu (ara l-Figura 5). Kif imsemmi hawn fuq (ara l-paragrafu 50), il-"bini tal-kapaċità produttiva" jirrappreżenta sehem akbar tal-AfT mogħtija mill-UE lill-pajjiżi l-anqas żviluppati fl-2022 meta mqabbel mal-"infrastruttura ekonomika". Dan għall-kuntrarju tax-xejra osservata għall-ODCs.


Figura 5 | Għajnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE lil-LDCs skont il-kategorija, 2013–2022 (impenji f'miljun EUR, prezzijiet kostanti tal-2022)



Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-Kummissjoni.

55 F'dak li jikkonċerna s-setturi appoġġati, għall-perjodu 2017–2022, l-AfT mogħtija mill-UE lill-pajjiżi l-anqas żviluppati ffukat prinċipalment fuq il-ġenerazzjoni u l-provvista tal-enerġija (29.1 %), l-agrikoltura (27.3 %) u t-trasport u l-ħżin (21.8 %) (ara l-[Figura 6](#)). Madankollu, fl-ODCs, l-appoġġ iffoka fuq is-setturi tal-enerġija, tas-servizzi bankarji u finanzjarji u tat-trasport. L-ekonomiji tal-LDCs huma dipendenti ħafna fuq l-agrikoltura, u l-iżvilupp ta' dan is-settur huwa ġeneralment prijoritizzat mill-gvernijiet tal-LDC sabiex tiżdied is-sigurtà tal-ikel u d-dħul potenzjali mill-esportazzjoni.

Figura 6 | Għajjnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE lil-LDCs skont is-settur, 2013–2022 (impenji f'miljun EUR, prezzijiet kostanti tal-2022)



Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-Kummissjoni.

- 56** Fl-erba' pajjiżi li żorna, aħna sibna li l-proġetti relatati mal-AfT li eżaminajna kienu konformi mal-ħtiġijiet tal-AfT tal-pajjiż sieħeb u mal-prijoritajiet u l-oġettivi stabbiliti fl-MIP relatat. Il-proġetti ffinanzjati mill-UE kellhom l-għan, pereżempju, li jtejbū l-kapaċità teknika tal-awtoritajiet nazzjonali fil-qasam tal-kummerċ, jidentifikaw ktajjen tal-valur b'potenzjal ta' esportazzjoni, jikkonsenjaw tagħmir tal-laboratorju biex itejbu s-sistemi tal-pajjiżi għall-istandardizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-esportazzjonijiet, jew jappoġġaw il-kapaċità produttiva tagħhom.
- 57** Matul iż-żjarat li wettaqna fuq il-post, sibna li l-azzjonijiet kienu ġew implimentati u l-outputs ġeneralment twettqu kif ippjanat. Sibna wkoll li l-proġetti li eżaminajna kienu ġeneralment qed jikkontribwixxu biex jiżdied il-potenzjal kummerċjali tal-pajjiżi. Il-**Kaxxa 2** tipprovdi xi eżempji ta' dawn il-proġetti.

Kaxxa 2

Eżempji ta' għajjnuna mill-UE għal azzjonijiet kummerċjali implimentati u outputs imwettqa fl-erba' pajjiżi li żorna

Fl-Angola, it-[Train for Trade II](#) kien programm konġunt UE-UNCTAD li għandu l-għan li jsaħħaħ il-kapaċitajiet lokali u jippromwovi s-sjeda nazzjonali fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' kummerċ u investiment. Dan kien jinkludi taħriġ u bini tal-kapaċità għall-persunal fil-ministeri u l-korpi pubbliċi, iżda wkoll programm ta' taħriġ intraprenditorjali għall-mikrointrapriżi u l-SMEs. L-outputs maħsuba, b'rabta mal-għadd ta' avvenimenti ta' taħriġ, sessjonijiet ta' ħidma u dokumenti tekniċi abbozzati, twettqu bis-sħiħ.

Fil-Kambodja, il-proġett [CAPFish Capture – Post-harvest Fisheries Development](#) għandu l-għan li jtejjeb is-sajd ta' wara l-ħsad billi jaġġorna s-sistema regolatorja u istituzzjonali tal-pajjiż u jsaħħaħ is-servizzi tal-iżvilupp tan-negozju. Fiż-żewġ SMEs li żorna, dan irriżulta f'faċilitajiet għat-tnixxif tal-ħut aktar effiċjenti u iġġeniċi, metodi għall-produzzjoni u l-ippakkjar tal-pejst tal-ħut, u l-implimentazzjoni tas-Siġill ta' Kwalità Kambodjan għall-konformità mar-rekwiżiti internazzjonali tas-sikurezza tal-ikel. Il-Kambodja qed tfittex l-approvazzjoni tal-Kummissjoni fl-2025 biex tiġi elenkata bħala pajjiż eliġibbli biex jesperta prodotti tas-sajd lejn l-UE.

Fil-Malawi, l-UE appoġġat il-programm e [Kulima “Promoting Farming in Malawi”](#) biex tiżdied il-produttività agrikola u tiġi diversifikata l-produzzjoni, jiġu żviluppati ktajjen tal-valur agrikoli, u tissaħħaħ il-governanza fis-settur agrikolu. Żorna stazzjon wieħed tar-riċerka agrikola fejn kien ġie kkonsenjat it-tagħmir tal-laboratorju. It-tagħmir żied il-kapaċitajiet ta' analiżi tal-laboratorji u ppermettietlihom jittestjaw jekk il-prodotti agrikoli humiex ħielsa minn organiżmi ġenetikament modifikati. Dan huwa prerekwiżit għall-esportazzjoni lejn xi pajjiżi.

Fir-Rwanda, l-UE appoġġat il-proġett fejn jintuża [“Approċċ immexxi mis-suq għal titjib fil-katina tal-valur u l-espansjoni tas-suq tal-kafè tar-Rwanda”](#). Il-proġett għandu l-għan li jtejjeb il-katina tal-valur tal-kafè tar-Rwanda u jiżviluppa l-potenzjal tal-esportazzjoni. Għalkemm il-proġett għadu ma tlestiex, il-parteċipazzjoni tar-Rwanda fil-katina tal-valur globali tal-kafè diġà tjebet.

58 Il-valutazzjoni li wettaqna tal-proġetti turi li, filwaqt li l-outputs twettqu, f'xi każijiet hemm riskju li, fis-snin li ġejjin, il-pajjiżi sħab mhux se jkunu jistgħu:

- jikkapitalizzaw fuq ir-riżultati tal-proġetti, bħall-iżvilupp ta' wħud mill-ktajjen tal-valur identifikati, jew l-applikazzjoni ta' kapaċità teknika li jkunu għadhom kif akkwistaw għan-negozjati kummerċjali reġjonali u internazzjonali;
- jaraw li l-ekonomija tagħhom tkun żgur sostenibbli, filwaqt li jieħdu kont tar-rotazzjoni għolja tal-persunal fil-ministeri jew il-kostijiet operatorji ta' tagħmir ġdid.

Il-**Kaxxa 3** tipprovdi xi eżempji ta' proġetti li jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex jikkapitalizzaw fuq ir-riżultati tagħhom u/jew biex jaraw li l-ekonomija tagħhom tkun żgur sostenibbli.

Kaxxa 3

Eżempji ta' proġetti li jiffaċċjaw diffikultajiet biex iżidu r-riżultati u/jew biex jaraw li żgur ikunu sostenibbli mil-lat ekonomiku

Fil-**Angola**, l-outputs ippjanati tal-proġett **Train for Trade II** twettqu bis-sħiħ, iżda l-impatt tiegħu huwa inqas evidenti. Filwaqt li b'kolloxx tħarrġu aktar minn 3 000 individwu, aktar minn nofshom kienu qed jaħdmu fis-settur pubbliku, fejn ir-rotazzjoni tal-persunal hija għolja u l-għarfien jaf ma jiġix ippreservat. Għalkemm il-programm identifika ċerti ktajjen tal-valur bħala li għandhom potenzjal għall-esportazzjoni, il-produttività ta' dawn is-setturi għad trid tiżdied. L-impatt ta' Train for Trade II ma kienx għoli, parzjalment minħabba fatturi esterni diffiċli. Ir-riżultat relatat mal-kummerċ/l-indikaturi tal-impatt tal-proġett — is-sehem tal-esportazzjonijiet mhux taż-żejt lejn id-dinja, il-valur tal-esportazzjonijiet totali lejn il-pajjiżi tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC), u s-sehem tal-esportazzjonijiet mhux taż-żejt lejn daww il-pajjiżi — ġeneralment ukoll ma ntlaħqux.

Fil-**Kambodja**, id-delegazzjoni tal-UE implimentat il-proġett **SWITCH-Garment**, li ppromwova l-effiċjenza enerġetika. Dan billi ffinanzjat awditi tal-enerġija f'50 fabbrika tal-ħwejjeġ. Wara li saru dawn l-awditi, 23 minn dawn il-fabbriki ddeċidew li jimplimentaw xi wħud mir-rakkomandazzjonijiet li saru (bi spiża tagħhom). Waħda mill-aktar rakkomandazzjonijiet komuni kienet li jiġu installati pannelli solari. Madankollu, ftit kienu l-fabbriki li implimentaw din ir-rakkomandazzjoni, billi l-kostijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni Kambodjana għall-konnessjoni tal-pannelli solari mal-grilja tal-elettriku qabżu l-iffrankar potenzjali.

Il-proġett identifika wkoll tipi ta' fabbriki tal-ħwejjeġ li għandhom ikunu mmirati b'mod aktar speċifiku għal miżuri ta' effiċjenza enerġetika (eż. fabbriki li jagħmlu ħafna mogħdija, li huma konsumaturi kbar tal-enerġija). Madankollu, dawn il-fabbriki spiss ikunu proprjetà ta' investituri barranin li ma jkollhomx intenzjoni li jinvestu fit-titjib tal-bini.

Fil-**Malawi**, żorna stazzjon wieħed ta' riċerka agrikola appoġġat taħt il-programm **Kulima**. Iż-żieda fil-kapaċità analitika tal-laboratorju tiegħu tqieset mill-benefiċjarju bħala opportunità għall-akkreditazzjoni sabiex jipprovdi ċertifikazzjoni għall-esportazzjoni lejn swieq internazzjonali. Madankollu, dan ma kienx previst fil-fasla tal-proġett, u l-benefiċjarju ma jistax ibassar jekk dan huwiex se jinkiseb u meta. Barra minn hekk, fil-bidu tal-proġett, il-laboratorju kien offra xi servizzi mingħajr ħlas, u dan kellu impatt detrimental fuq is-sostenibbiltà tiegħu. Kien biss dan l-aħħar li l-laboratorju beda jitlob imposta lill-bdiewa u lil utenti oħra għas-servizzi li jipprovdi sabiex jipprova jsir awtosuffiċjenti, ħaġa li bħalissa mhux.

Fir-Rwanda, il-proġett għat-titjib tal-katina tal-valur tal-kafè u l-espansjoni tas-suq tal-kafè tar-Rwanda ma kkunsidrax biżżejjed ir-riskji relatati mat-tibdil fil-klima. Dan l-aħħar, it-tfixkil fix-xejra tat-temp (marbut mat-tibdil fil-klima) kellu impatt fuq iċ-ċiklu tal-istaġun (staġuni bix-xita/niexfa) u b'hekk fuq iċ-ċiklu tal-produzzjoni tal-kafè. Il-ftehimiet ta' bejgħ ma' xerrejja internazzjonali jaf ikollhom isiru qabel ma jkunu magħrufa d-daqs u l-kwalità tal-ħsad. Dan iwassal għal bejgħ imprevedibbli u introjtu aktar baxx.

Il-koordinazzjoni mid-delegazzjonijiet tal-UE hija ġeneralment tajba, iżda kien hemm opportunità mitlufa għal koordinazzjoni msaħħa mal-Istati Membri u mad-delegazzjonijiet reġjonali tal-UE

- 59** L-appoġġ fil-kuntest tal-AfT għall-pajjiżi l-anqas żviluppati jopera f'ambjent kumpless li jinvolvi ħafna partijiet ikkonċernati. Dawn jinkludu l-pajjiżi sħab (LDCs), l-Istati Membri (inklużi l-aġenziji nazzjonali tagħhom għall-iżvilupp, il-ministeri u l-ambaxxati tagħhom), donaturi internazzjonali oħra, id-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi sħab, id-delegazzjonijiet "reġjonali" tal-UE, il-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni, is-settur privat u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-implimentazzjoni koordinata tal-AfT mogħtija mill-UE fil-livelli kollha hija kruċjali biex din żgur titwassal b'mod effettiv u biex żgur ikun hemm sjieda mill-pajjiż sieħeb.
- 60** Aħna sibna li l-biċċa l-kbira mid-delegazzjonijiet tal-UE li żorna kellhom livell għoli ta' kooperazzjoni mal-gvernijiet tal-LDCs, bilateralment u bħala parti mill-komitati ta' donaturi differenti li jkopru oqsma relatati mal-AfT. Huma jinvolvu ruħhom ukoll fi djalogu strutturat mas-settur privat permezz ta' kmamar tal-kummerċ u assoċjazzjonijiet oħra, kif ukoll organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, speċjalment minn mindu ġiet adottata l-istrategġja Global Gateway.
- 61** Għall-pajjiżi li żorna, sibna wkoll li saru interazzjoni u skambju regolari bejn il-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni u d-delegazzjonijiet tal-UE. Madankollu, l-intervisti li kellna mad-delegazzjonijiet tal-UE wrew li l-feedback ipprovdut mill-kwartieri ġenerali dwar ir-rappurtar tagħhom jista' jittejjeb. Dan kien partikolarment il-każ għall-istħarriġ dwar l-AfT li ntbaġħat lid-delegazzjonijiet tal-UE mill-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni (ara l-paragrafu 67).

- 62** L-inizjattivi ta' Tim Ewropa **inizjattivi ta' Tim Ewropa** għandhom l-għan li jlaqqgħu flimkien lill-UE u l-Istati Membri tagħha — inklużi l-aġenziji ta' implimentazzjoni u l-banek pubbliċi tal-iżvilupp tagħhom — kif ukoll il-BEI u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp. Skont il-Kummissjoni, l-intenzjoni wara l-approċċ ta' Tim Ewropa hija li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu l-impatt tal-azzjoni esterna tagħhom billi jingħaqdu flimkien. Billi l-istrateġija tal-UE dwar l-AfT hija strateġija konġunta bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, li tistabbilixxi objettivi komuni u miri kwantifikati, l-inizjattivi ta' Tim Ewropa jistgħu jippromwovu l-komplementarjetà meħtieġa bejn l-AfT mogħtija mill-UE u dik mogħtija mill-Istati Membri.
- 63** Madankollu, aħna sibna li minkejja l-inizjattivi ta' Tim Ewropa, li jkopru oqsma relatati mal-AfT, li kienu ppjanati fl-MIPs tal-pajjiżi miżjura, ġeneralment dawn ma ssarrfux fi programmazzjoni konġunta, implimentazzjoni koordinata, jew monitoraġġ u rappurtar komuni (speċjalment fl-Angola u fil-Malawi). Dan kien appoġġat mill-intervisti li kellna mar-rappreżentanti tal-ministeri tal-affarijiet barranin minn żewġ Stati Membri li huma fost l-akbar donaturi, u jqajjem dubji dwar il-valur miżjud ta' tali inizjattivi fil-prattika.
- 64** L-appoġġ fil-kuntest tal-AfT mogħtija mill-UE lil-LDCs individwali jitwassal mhux biss permezz ta' MIPs tal-pajjiżi, iżda wkoll permezz ta' MIPs reġjonali, immaniġġjati minn delegazzjonijiet tal-UE li għandhom mandat reġjonali. L-intervisti li wettaqna fil-pajjiżi li żorna juru li l-interazzjoni bejn id-delegazzjonijiet tal-UE u delegazzjoni reġjonali waħda jew aktar tal-UE f'xi każijiet kienet limitata u mhux strutturata (ara l-**Kaxxa 4**). Dan huwa partikolarment rilevanti fil-kuntest taż-żieda fl-interventi mhux speċifiċi għall-pajjiż u l-MIPs reġjonali li jkopru l-appoġġ tal-UE relatat mal-AfT (ara l-paragrafu **51**).

Kaxxa 4

Eżempji ta' programmi reġjonali li jinvolvu l-Malawi

Il-biċċa l-kbira mill-appoġġ fil-kuntest tal-AfT mogħtija mill-UE li jindirizza l-ħtiġijiet tal-Malawi relatati mal-integrazzjoni kummerċjali reġjonali huwa pprovdut permezz tal-MIP 2021–2027 għall-Afrika Sub-Saħarjana. Il-programmi u l-proġetti reġjonali li jinvolvu l-Malawi huma implimentati mid-delegazzjonijiet tal-UE fiż-Żambja (meta jkunu relatati mas-Suq Komuni għal-Lvant u n-Nofsinhar tal-Afrika — COMESA) jew fil-Botswana (meta jkunu relatati mal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika — SADC).

Ħlief matul il-fażi tat-tfassil, id-delegazzjoni tal-UE fil-Malawi ma għandha l-ebda interazzjoni mill-qrib mad-delegazzjonijiet reġjonali tal-UE rigward programmi relatati mal-kummerċ li jinvolvu l-Malawi. Huwa diffiċli wkoll għad-delegazzjoni tal-UE fil-Malawi li ssegwi r-riżultati miksuba permezz ta' dawn il-programmi.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali Malawjani ma għandhomx biżżejjed kapacià teknika biex jikkollaboraw b'mod effettiv mas-segretarjati tal-COMESA u tal-SADC. Dan, flimkien mad-daqs relattivament żgħir tal-Malawi u l-ftit importanza li għandu fl-iskemi kummerċjali (meta mqabbel ma' pajjiżi oħra) u n-nuqqas ta' interazzjoni strutturata mad-delegazzjonijiet reġjonali tal-UE, jirriskja li l-proġetti ma jiġux prijorizzati għalkollox skont il-ħtiġijiet tal-pajjiż. Dan huwa l-każ, pereżempju, ta' proġett reġjonali ffinanzjat mill-UE [biex tinholq fruntiera b'punt ta' kontroll uniku](#). Il-proġett kopra l-fruntiera ta' Mwami/Mchinji bejn iż-Żambja u l-Malawi fil-kuritur ta' Nacala, li huwa ta' rilevanza limitata għall-esportazzjonijiet tal-Malawi (li jammontaw għal 5 % biss tat-total), filwaqt li l-punti ta' kontroll fuq il-fruntiera mal-Mozambique u t-Tanzanija, li huma ħafna aktar rilevanti, għadhom mhumiex operattivi fuq l-ebda naħa.

Tjiebu l-monitoraġġ u r-rappurtar li twettaq il-Kummissjoni tar-risultati u l-impatti tal-għajjuna mogħtija mill-UE għall-kummerċ, iżda mhumiex komprensivi

- 65** L-aġġornament tal-istrateġija tal-UE dwar l-AfT 2017 jappella għal monitoraġġ u rappurtar aktar komprensivi u li jkunu xprunati mir-risultati. Dan biex jittejjbu l-analiżi u l-wiri tal-impatt tal-interventi tal-AfT mogħtija mill-UE u t-tixrid tat-tagħlimiet meħuda. F'din it-taqsim, aħna neżaminaw jekk il-Kummissjoni tejbitx il-monitoraġġ u r-rappurtar tagħha tal-AfT mogħtija mill-UE biex tinforma u tappoġġa interventi ġodda ta' AfT.

Il-Kummissjoni ilha mill-2017 tippubblika rapport ta' progress annwali ddedikat għall-għajjuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE

- 66** F'konformità mal-aġġornament tal-istrateġija tal-UE dwar l-AfT, il-Kummissjoni ilha mill-2017 tippubblika [rapport ta' progress annwali dwar l-AfT mogħtija mill-UE](#) li jenfasizza l-kontribut tal-UE għall-inizjattiva globali dwar l-AfT. Dawn ir-rapporti janalizzaw il-progress fil-kummerċ tal-UE mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jipprovdu stampa ġenerali tal-flussi tal-AfT mogħtija mill-UE lill-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw (inklużi l-LDCs). Dawn huma bbażati fuq *data* tal-ODA miksuba mill-OECD, kif ukoll fuq statistika kummerċjali mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (Eurostat).

67 Il-biċċa l-kbira mir-rapporti ta' progress jinkludu wkoll valutazzjoni kwalitattiva bbażata fuq stħarriġ biennali dwar l-AfT (annwali sal-2022) mibgħut mill-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni lid-delegazzjonijiet tal-UE (li għandu jimtela b'mod konġunt mar-rappreżentanzi tal-Istati Membri fil-pajjiż sieħeb). Mill-2024, dan beda jintbagħat ukoll lil kull Stat Membru tal-UE. Skont il-Kummissjoni, l-iżħarriġ huwa opportunità biex jinġabar feedback fuq il-post dwar l-AfT mogħtija mill-UE, u biex jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki identifikati jew it-tagħlimiet meħuda. L-aħħar stħarriġ, li sar fl-2024, kopra dan li ġej:

- ir-rilevanza u l-implimentazzjoni koordinata tal-AfT mogħtija mill-UE;
- il-koerenza tal-istrumenti kummerċjali tal-UE; u
- il-kontribut tal-AfT mogħtija mill-UE għat-titjib tal-klima tal-investiment, l-integrazzjoni reġjonali u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ, u l-konsistenza tagħha mal-istrategġija Global Gateway tal-UE.

68 Barra minn hekk, fl-2023 il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni ddedikata ta' darba dwar l-AfT għall-pajjiżi l-anqas żviluppati. Din il-valutazzjoni ngħatat fil-qosor fl-istudju komplementari għar-rapport ta' progress tal-2023 dwar l-AfT mogħtija mill-UE. Hija kopriet il-prestazzjoni kummerċjali tal-LDCs u r-rwol li l-AfT jista' jkollha fit-tiżni tal-kapaċitajiet kummerċjali tagħhom.

69 Dan l-istudju, minbarra li eżamina l-istatistika internazzjonali dwar il-kummerċ u l-AfT, kien fih ukoll valutazzjoni kwalitattiva bbażata fuq l-iżħarriġ dwar l-AfT mogħtija mill-UE (ara l-paragrafu [67](#)) użat għar-rapport ta' progress tal-2022 dwar l-AfT mogħtija mill-UE, flimkien ma' intervisti ma' sitt LDCs magħżula. B'mod aktar speċifiku, huwa qabbel ukoll it-tweġibiet li waslu mid-delegazzjonijiet tal-UE fl-LDCs u l-ODCs b'rabta ma':

- l-istrategġija kummerċjali, il-governanza u l-koordinazzjoni tal-partijiet ikkonċernati;
- l-appoġġ mogħti mill-UE fil-kuntest tal-AfT biex jgħin lill-pajjiżi jibbenefikaw minn ftehimiet u preferenzi kummerċjali; u
- l-appoġġ fil-kuntest tal-AfT għad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-ħaddiema u d-drittijiet tal-bniedem, għad-dispożizzjonijiet dwar l-ambjent u l-klima, u għall-ambjent tan-negozju u l-klima tal-investiment.

Il-monitoraġġ u r-rappurtar kumplessivi tal-Kummissjoni rigward l-għajnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE mhumie x komprensivi

- 70** Filwaqt li l-Kummissjoni tejbet il-monitoraġġ u r-rappurtar tagħha tal-AfT mogħtija mill-UE u dik mogħtija mill-Istati Membri mill-2017 'il hawn, għad hemm għadd ta' dgħufijiet kunċettwali li jipprevienu li tiġi stabbilita stampa sħiħa tal-AfT mogħtija mill-UE.

Il-monitoraġġ imwettaq mill-Kummissjoni tal-inputs finanzjarji mhuw i x komprensiv.

- 71** L-inputs finanzjarji annwali totali rrappurtati fir-rapporti ta' progress annwali dwar l-AfT mogħtija mill-UE huma kkwantifikati bl-użu ta' ammonti impenjati diżaggregati skont ir-reġjun, il-grupp ta' introjtu, il-kategorija, is-settur, jew it-tip ta' fluss ta' finanzjament. Għalhekk, għal kwalunkwe grupp ta' introjtu, bħall-LDCs, il-monitoraġġ huwa limitat għall-impenji annwali, mingħajr ebda diżaggregazzjoni addizzjonali.
- 72** Tliet dgħufijiet addizzjonali jfixxlu r-rilevanza tal-monitoraġġ u r-rappurtar imwettaq mill-Kummissjoni tal-flussi tal-AfT mogħtija mill-UE lill-pajjiżi l-anqas żviluppati:
- il-flussi tal-AfT mogħtija mill-UE jiġu rrappurtati abbażi tal-impenji, li normalment ikunu pluriennali iżda jiġu rreġistrati bis-sħiħ fis-sena li jiġu ffirmati. Dan jagħmilha diffiċli li jitqabblu l-allokazzjonijiet annwali tal-AfT tal-LDCs individwali. L-impenji mhux dejjem iwasslu għal pagamenti korrispondenti. Fil-Kambodja, aħna eżaminajna programm li għalih 13 % tal-baġit impenjat (EUR 3.5 miljun minn EUR 27.5 miljun) mhux se jiġi żborżat minħabba li xi miri li fuqhom huwa kundizzjonali l-pagament tal-appoġġ baġitarju ma setgħux jintlaħqu. Il-proġetti b'diversi donaturi wkoll jistgħu jiġu posposti b'mod sinifikanti, bħal fil-każ tal-proġett tal-ajruport ta' Blantyre fil-Malawi, li għalih ġew iffirmati impenji li jammontaw għal EUR 17-il miljun fl-2019, iżda għadu ma sar l-ebda pagament.
 - Il-Kummissjoni tirrapporta proporzjon kbir tal-AfT mogħtija mill-UE (39 % fl-2022) bħala mhux speċifika għall-pajjiż, u ma għandha l-ebda mod kif tivvaluta sa liema punt dan l-appoġġ jitwassal ukoll lil-LDCs u sa liema punt qed jgħin biex tinbena l-kapaċità u l-infrastruttura għall-kummerċ li huma jeħtieġu biex jibbenefikaw mill-kummerċ reġjonali u globali.
 - Għad hemm intervall latenti ta' aktar minn sentejn bejn l-impenn li tingħata AfT u dan l-impenn li qed jiġi rrappurtat (jiġifieri r-rapport ta' progress tal-2024 dwar l-AfT mogħtija mill-UE, ippubblikat mill-Kummissjoni fi Frar 2025, jippreżenta *data* sal-2022 biss). Fl-2017, l-istrateġija aġġornata dwar l-AfT mogħtija mill-UE kienet diġà talbet li dan l-intervall latenti jitnaqqas (ara l-paragrafu [51](#)).

Nuqqas ta' monitoraġġ konsolidat fuq l-outputs u r-riżultati miksuba

- 73** Ir-rapporti ta' progress dwar l-AfT mogħtija mill-UE ma jinkludux *data* dwar l-outputs u r-riżultati miksuba tal-AfT mogħtija mill-UE, u l-Kummissjoni ma pprovditilna l-ebda dokument ieħor li fih *data* ta' dan it-tip. Tali informazzjoni hija disponibbli biss għal kull proġett jew programm ta' finanzjament individwali (ara l-paragrafu **57**) u mhijiex ikkompilata f'dokument fil-livell tal-kwartieri ġenerali jew tal-pajjiż bl-għan li tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-NIPs/MIPs (ara l-**Kaxxa 5**).

Kaxxa 5

Eżempji ta' indikaturi rilevanti relatati mal-kummerċ, mhux dejjem immonitorjati

Aħna sibna li f'wieħed mill-erba' pajjiżi li żorna (l-Angola), il-MIP 2021–2027 kien jinkludi indikaturi rilevanti tal-integrazzjoni tal-kummerċ jew tad-diversifikazzjoni tal-esportazzjoni b'miri kwantifikati li għandhom jintlaħqu sal-2027 (eż. is-sehem tal-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi Afrikani, is-sehem tal-esportazzjonijiet mhux taż-żejt/estrattivi bħala perċentwal tal-PDG). Madankollu, aħna nnutajna li l-progress lejn il-ksib ta' dawn l-indikaturi ma ġiex immonitorjat kull sena mid-delegazzjoni tal-UE fl-Angola; dawn l-indikaturi lanqas ma ntużaw sistematikament meta tnedew proġetti relatati ma' dan il-qasam.

Sibna wkoll li l-PIN tal-Kambodja għall-perjodu 2014–2020 kien jinkludi indikaturi ta' kompetittività akbar tas-suq fis-swieq domestiċi u tal-esportazzjoni (eż. il-produzzjoni tal-akkwakultura li tissodisfa s-sigurtà tal-ikel u d-domanda għall-esportazzjoni), li kienu rilevanti għall-AfT. Ma saret l-ebda evalwazzjoni tal-PIN 2014–2020 u l-ksib tar-riżultati mistennija tiegħu ma ġietx ivvalutata.

Valutazzjoni limitata tas-sostenibbiltà ambjentali u soċjali

- 74** Meta tirrapporta dwar l-oġettivi tas-sostenibbiltà, il-Kummissjoni tuża l-indikaturi ta' Rio u l-indikatur tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri tal-OECD biex timmonitorja jekk l-impenji tal-AfT mogħtija mill-UE humiex qed jimmiraw lejn id-dimensjonijiet ambjentali u soċjali tas-sostenibbiltà.
- 75** Madankollu, dan ir-rappurtar sar komprensiv biss, bl-inklużjoni tas-self taħt l-AfT mogħtija mill-UE, ladarba l-BEI beda juża wkoll dawn l-indikaturi fl-2022. L-indikaturi jipprovdu biss valutazzjoni limitata tal-immirar soċjali tal-AfT; pereżempju, dawn ma jkoprox il-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti jew impjiegi ġodda. Il-Kummissjoni ma rrapportatx kemm il-finanzjament tal-AfT fil-fatt indirizza dawn l-indikaturi, jew dwar xi impatt relatat.

L-istħarriġ ma jikkostitwix bażi solida għall-kompilazzjoni tal-feedback mid-delegazzjonijiet tal-UE dwar l-għajnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE


- 76** Fir-rapporti ta' progress tagħha dwar l-AfT mogħtija mill-UE, il-Kummissjoni tinkludi valutazzjoni kwalitattiva bbażata fuq stħarriġ li bagħtet lid-delegazzjonijiet tal-UE u, mill-2024, lil kull Stat Membru tal-UE wkoll (ara l-paragrafu [67](#)). Fil-każ tal-LDCs li żorna, aħna sibna li dan l-istħarriġ kien ġeneralment maqtugħ mill-eżerċizzji ta' programmazzjoni u rappurtar tad-delegazzjonijiet tal-UE.
- 77** Aħna nqisu li dan l-istħarriġ ma jikkostitwix bażi solida biex jinġabar feedback fuq il-post dwar ir-rilevanza u l-implimentazzjoni koordinata tal-AfT mogħtija mill-UE, u lanqas biex jiġu identifikati t-tagħlimiet meħuda, bħal:
- l-utilità tal-kwestjonarju, kif imfassal bħalissa, hija dubjuża minħabba l-interpretazzjonijiet differenti tal-kunċett tal-AfT. Xi delegazzjonijiet tal-UE li żorna bbażaw it-tweġibiet tagħhom fuq definizzjoni dejqa ta' AfT (eż. li teskludi proġetti ta' infrastruttura) filwaqt li oħrajn użaw waħda usa' bbażata fuq id-definizzjoni tad-WTO/tal-OECD (ara l-paragrafu [31](#));
 - ħafna delegazzjonijiet tal-UE fl-LDCs ma wegħbux għall-istħarriġ, li kellu rata ta' rispons ta' 74 % fl-2022 u 42 % biss fl-2024; u
 - tlieta mill-erba' delegazzjonijiet tal-UE li żorna ħabtu wiċċhom ma' diffikultajiet sinifikanti biex, minn bażi ta' *data* tal-Kummissjoni, jisiltu lista ta' kuntratti b'kodiċijiet DAC relatati mal-AfT, li kienu meħtieġa bħala bażi għall-għoti ta' feedback komprensiv dwar l-AfT.

Kejl limitat ħafna tal-impatt fuq il-kummerċ tal-appoġġ fil-kuntest tal-għajnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE

- 78** Aħna nirrikonoxxu li huwa diffiċli li jiġi vvalutat l-impatt tal-AfT mogħtija mill-UE lill-pajjiżi l-anqas żviluppati, peress li t-trasformazzjoni ekonomika tiddependi wkoll fuq l-intervent tal-gvern, l-appoġġ ta' donaturi internazzjonali oħra u diversi fatturi esterni. B'mod partikolari, kif indikat mid-WTO, huwa diffiċli li jiġu stabbiliti l-effetti tal-AfT lil hinn mill-proġetti individwali. Mhuwiex possibbli li jiġu iżolati jew li jintwerew relazzjonijiet kawżali bejn l-inputs u l-impatti mil-lat ta' żieda fid-diversifikazzjoni tal-esportazzjoni, aħseb u ara bidliet fil-livelli tal-introjt u tal-faqar.

- 79** Il-Kummissjoni tirrapporta dwar is-sehem tal-esportazzjonijiet tal-pajjiżi l-anqas żviluppati fir-rapport ta' progress annwali tagħha tal-UE. Is-sehem tal-LDC tal-esportazzjonijiet globali baqa' madwar 1 % mill-2011 'il hawn (ara l-[Figura 1](#) tal-[Anness I](#)), ferm taħt il-mira ta' 2 % stabbilita mill-istrategġija tal-UE dwar l-AfT u l-SDG rilevanti (ara l-paragrafu [22](#)). Is-sehem tagħhom tal-esportazzjonijiet lejn l-UE kien ta' 2.2 % fl-2022, wara li baqa' bejn wieħed u ieħor l-istess mill-2017 'il hawn.
- 80** Valutazzjoni kwalitattiva tal-appoġġ fil-kuntest tal-AfT għat-titjib tal-ambjent tan-negozju u l-klima tal-investiment tal-pajjiżi l-anqas żviluppati ġiet inkluża wkoll fl-istudju komplementari għar-rapport ta' progress tal-2023 dwar l-AfT mogħtija mill-UE. Skont 28 % tad-delegazzjonijiet tal-UE fl-LDCs mistħarrġa għal din il-valutazzjoni, l-appoġġ fil-kuntest tal-AfT mogħtija mill-UE kien immirat biss ftit jew xejn affattu lejn it-titjib tal-ambjent tan-negozju u l-klima tal-investiment tal-pajjiż (meta mqabbel ma' 13 % għall-ODCs).
- 81** Għadd ta' sorsi huma disponibbli biex jitkejlu l-kapaċitajiet kummerċjali tal-LDCs, iżda mhumienx użati mill-Kummissjoni biex tidentifika kif l-appoġġ fil-kuntest tal-AfT mogħtija mill-UE jista' jikkontribwixxi aktar biex itejjeb din is-sitwazzjoni. Dawn jinkludu l-indiċi tal-kapaċitajiet produttivi, l-[Indiċi tal-Prestazzjoni tal-Loġistika](#) tal-Bank Dinji, u t-[Traċċatur tal-kummerċ](#) u l-[Mappa tal-Potenzjal għall-Esportazzjoni](#) miċ-Ċentru Internazzjonali għall-Kummerċ. L-indiċi tal-kapaċitajiet produttivi (ara l-paragrafu [39](#)) huwa kejl multidimensjonali tar-riżorsi produttivi, il-kapaċitajiet intraprenditorjali u r-rabtiet tal-produzzjoni, li flimkien jiddeterminaw il-kapaċità ta' pajjiż li jipproduċi oġġetti u servizzi u jippermettulu jikber u jiżviluppa. Abbażi taċ-ċifri tal-UNCTAD, ninnutaw li ma kien hemm l-ebda titjib sinifikanti fil-kapaċitajiet produttivi tal-LDCs f'dawn l-aħħar snin. Dan huwa partikolarment il-każ fl-LDCs Afrikani (ara l-[Figura 7](#)). Il-punteġġi tal-indiċi ta' tlieta mill-erba' pajjiżi miżjura (l-Angola, il-Kambodja u l-Malawi) saħansitra naqsu bejn l-2017 u l-2022. Abbażi taċ-ċifri tal-UNCTAD, il-punteġġi tal-indiċi tal-kapaċitajiet produttivi tal-LDCs baqgħu ferm aktar baxxi minn dawk tal-ODCs fl-2022 (30.9 għall-LDCs meta mqabbla ma' 46.8 għall-ODCs).

Figura 7 | Indiċi tal-kapaċitajiet produttivi tal-pajjiżi l-anqas żviluppati



Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-UNCTAD.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla III, immexxija mis-Sa Bettina Jakobsen, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-24 ta' Ġunju 2025.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Tony Murphy
Il-President

Annessi

Anness I – Dwar l-awditu

- 01** Fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-kummerċ, u speċjalment il-kummerċ transfruntier, huwa importanti għat-tkabbir li jista' joħroġ miljuni ta' nies mill-faqar. Madankollu, għal dawn il-pajjiżi, u l-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) b'mod partikolari, hemm sfidi sinifikanti li jaffettwaw l-aċċess tagħhom għall-kummerċ reġjonali u globali. Dawn jistgħu jinkludu nuqqas ta' kapaċità produttiva, ostakli għall-kummerċ relatati ma' Prattiki regolatorji, amministrattivi u ta' governanza, ambjenti kummerċjali dgħajfa, infrastruttura fqira, nuqqas ta' sistema soda għall-istandardizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-esportazzjonijiet, qafas istituzzjonali dgħajfef, u aċċess diffiċli ħafna u għali għall-finanzjament għas-settur privat.

Pajjiżi l-anqas żviluppati

- 02** In-Nazzjonijiet Uniti (NU) qieset il-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) bħala kategorija ta' Stati li għal raġunijiet strutturali, storiċi u ġeografiċi huma żvantaġġati ħafna fil-proċess ta' żvilupp tagħhom. Bħala tali, l-LDCs jeħtieġu l-oġġla livell ta' attenzjoni mill-komunità internazzjonali¹.

¹ UN recognition of the least developed countries, I-UNCTAD.

03 In-NU jiddefinixxu l-LDCs bħala pajjiżi li għandhom livelli baxxi ta' introjtu u li jħabbtu wiċċhom ma' impedimenti strutturali severi għall-iżvilupp sostenibbli. Biex jiġi kklassifikat bħala LDC, pajjiż jeħtieġu jissodisfa tliet kriterji (dwar l-introjtu *per capita*, l-assi umani, u l-vulnerabbiltà ekonomika u ambjentali) u jagħti l-kunsens għall-klassifikazzjoni. Il-lista ta' LDCs kibret minn 25 pajjiż inizjali fl-1971 u laħqet il-quċċata fl-1991 b'52. F'Diċembru 2024 kien hemm 44 pajjiż. Dawn l-LDCs huma distribwiti fir-reġjuni li ġejjin:


- **L-Afrika** (32): L-Angola, il-Benin, il-Burkina Faso, il-Burundi, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, iċ-Chad, Comoros, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Djibouti, l-Eritrea, l-Etjopja, il-Gambja, il-Guinea, il-Guinea-Bissau, il-Lesoto, il-Liberja, Madagascar, il-Malawi, il-Mali, il-Mauritania, il-Mozambique, in-Niġer, ir-Rwanda, is-Senegal, Sierra Leone, is-Somalja, is-Sudan t'Isfel, is-Sudan, it-Togo, l-Uganda, it-Tanzanija u ż-Żambja
- **L-Asja** (8): L-Afganistan, il-Bangladesh, il-Kambodja, il-Laos, il-Myanmar, in-Nepal, Timor Leste u l-Jemen
- **Il-Karibew** (1): Il-Haiti
- **Il-Paċifiku** (3): Kiribati, il-Gżejjer Solomon u Tuvalu

04 Il-lista ta' pajjiżi kkategorizzati bħala LDCs tiġi rieżaminata mill-[Kumitat tan-NU għall-Politika tal-Iżvilupp](#) kull 3 snin. Bejn l-2017 u l-2024, il-perjodu kopert minn dan l-awditu, erba' pajjiżi ggradwaw mill-istatus ta' LDC u ġew ikklassifikati bħala pajjiżi b'introjtu medju inferjuri: il-Guinea Ekwatorjali (2017), Vanuatu (2020), il-Bhutan (2023) u São Tomé u Príncipe (2024). Bħalissa hemm diversi LDCs fi stadji differenti tal-proċess ta' gradwazzjoni, li tlieta minnhom (il-Bangladesh, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Laos u n-Nepal) huwa ppjanat li jiggradwaw fl-2026, filwaqt li tlieta oħra (il-Gżejjer Solomon, il-Kambodja u s-Senegal) huma mistennija jitilqu mill-kategorija ta' LDC fl-2027 u fl-2029 rispettivament.

05 Ħafna mill-isfidi strutturali li wasslu għall-ħolqien tal-kategorija LDC għadhom jeżistu, u tfaċċaw sfidi ġodda. Il-grupp attwali ta' LDCs jinkludi madwar 880 miljun persuna li jirrappreżentaw 12 % tal-popolazzjoni dinjija. Madankollu, l-LDCs jirrappreżentaw inqas minn 2 % tal-prodott domestiku gross (PDG) dinji, u aktar minn 75 % tal-popolazzjoni tal-LDCs għadha tgħix fil-faqar². L-LDCs huma estremament vulnerabbli għall-effetti tat-tibdil fil-klima billi ma għandhomx ir-riżorsi meħtieġa biex jadattaw. Barra minn hekk, minkejja l-fatt li l-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw jammontaw għal madwar 45 % tal-esportazzjonijiet globali, l-LDCs jibqgħu fil-marġini, u jammontaw għal 1 % biss, meta mqabbla ma' pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw (ODCs) (ara l-[Figura 1](#)).

² UN recognition of the least developed countries, I-UNCTAD.

Figura 1 | Sehem tal-esportazzjonijiet globali tal-pajjiżi l-anqas żviluppati meta mqabbla ma' pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw u ma' pajjiżi żviluppati



Sors: il-QEA, abbażi ta' data mid-WTO u miċ-Ċentru Internazzjonali għall-Kummerċ.

Nota: Minħabba l-ittondjar, xi totali jaf ma jkunux jikkorrispondu mas-somma taċ-ċifri separati.

Għajnuna għall-Kummerċ

- 06** L-għajnuna għall-kummerċ (AfT) hija inizjattiva li tinkludi assistenza mmirata biex tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari dawk l-anqas żviluppati, ħalli jibnu l-kapaċità u l-infrastruttura għall-kummerċ li jeħtieġu biex jibbenefikaw mill-kummerċ dinji. Bl-għan li jitravmu t-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli, l-AfT tiffirma parti mill-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) kumplessiva — għotjiet u self “aġevolanti” (jiġifieri self b'termini aktar favorevoli għal min jissellef meta mqabbla mar-rati tas-suq). Din hija mmirata lejn programmi u proġetti relatati mal-kummerċ.
- 07** Il-kunċett tal-AfT tnieda għall-ewwel darba mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO)³ fil-Konferenza Ministerjali tagħha ta' Hong Kong f'Diċembru 2005. Id-WTO ma tistax tipprovdi għajnuna għall-iżvilupp hija stess peress li mhijiex aġenzija għall-iżvilupp. Minflok, hija indirizzat l-isfida li l-ħafna mekkaniżmi eżistenti ta' għajnuna għall-iżvilupp jaħdmu flimkien b'mod aktar effettiv.

³ Id-WTO hija l-unika organizzazzjoni internazzjonali globali li tittratta r-regoli tal-kummerċ bejn in-nazzjonijiet.

08 Għal dan l-għan, fi Frar 2006 d-WTO stabbiliet task force bl-għan li l-AfT tiġi “operazzjonalizzata”. F’Lulju 2006, it-task force [rrakkomandat](#) li l-AfT tiffoka fuq l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet fil-pajjiżi riċevituri, it-tiżiħ tar-rispons tad-donaturi u l-qadi tar-rwol tagħha bħala pont bejn id-donaturi u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Peress li l-kummerċ innifsu huwa attività wiesgħa u kumplessa, id-WTO tqis li l-AfT ukoll hija wiesgħa u mhux faċilment definita⁴. Madankollu, flimkien mal-OECD, hija ddefiniet l-AfT biex tinkludi dan li ġej:

- o il-bini tal-kapaċità produttiva (inkluż l-appoġġ kollu għall-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, l-industrija, ir-riżorsi minerali u l-estrazzjoni tagħhom, il-banek u t-turiżmu) — l-investiment fl-industrija u s-setturi sabiex il-pajjiżi jkunu jistgħu jiddiversifikaw l-esportazzjonijiet u jibnu fuq vantaġġi komparattivi;
- o l-infrastruttura ekonomika — il-bini tat-toroq, il-portijiet, il-ferroviji, il-faċilitajiet tal-enerġija u t-telekomunikazzjoni li jikkollegaw is-swieq domestiċi, reġjonali u globali; u
- o il-politika u r-regolamenti kummerċjali kif ukoll l-aġġustament relatat mal-kummerċ — li jgħinu lill-pajjiżi jiżviluppaw strateġiji kummerċjali, jinnegozjaw b’mod aktar effettiv u jimplimentaw l-eżiti.

Għajnuna għall-Kummerċ mogħtija mill-UE

09 Wara l-Konferenza tad-WTO tal-2005, fl-2007 l-UE adottat l-istrateġija tagħha stess dwar l-AfT, li ġiet aġġornata fl-2017. Ma hemm l-ebda programm ta’ nfiq tal-UE ddedikat jew delimitat għall-AfT. Fi snin reċenti, l-AfT kollettiva mogħtija mill-UE (skont il-kodiċijiet DAC, mill-UE u l-Istati Membri tagħha flimkien) lill-pajjiżi l-anqas żviluppati baqgħet relattivament stabbli. Fil-perjodu 2017–2022, l-AfT kollettiva mogħtija mill-UE lill-pajjiżi l-anqas żviluppati ammontat għal EUR 17.2-il biljun. Terz ta’ dan, jiġifieri EUR 5.4 biljun, jirrappreżenta appoġġ mill-UE waħedha. Il-Ġermanja, Franza, l-Iżvezja u n-Netherlands jirrappreżentaw madwar 80 % tal-AfT mogħtija mill-Istati Membri lill-pajjiżi l-anqas żviluppati.

⁴ [Aid for Trade fact sheet.](#)

- 10** Minbarra l-appoġġ fil-kuntest tal-AfT, l-UE pprovdiet [arranġament kummerċjali preferenzjali](#) għal-LDCs mill-2001 'il hawn. L-iskema Kollox Minbarra Armi tal-UE awtomatikament tagħti lil-LDCs aċċess mingħajr dazju u mingħajr kwoti għas-suq tal-UE għall-prodotti kollha flimkien l-armi u l-munizzjon. Din l-iskema hija prevista fir-[Regolament dwar l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi \(SGP\)](#), li jagħti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw trattament speċjali, u b'hekk tidderoga mill-prinċipju tal-[pajjiż l-aktar favorit](#) tad-WTO. Jekk LDC jissodisfa l-kriterji biex jiggradwa mill-istatus ta' LDC u jiġi kklassifikat bħala pajjiż b'introjtu medju inferjuri, wara perjodu ta' tranżizzjoni ta' 3 snin, huwa ma jibqax jibbenefika mill-aċċess għall-iskema Kollox Minbarra Armi, iżda awtomatikament jikkwalifika għas-[SGP Standard](#) (l-arranġament għal pajjiżi b'introjtu baxx u medju inferjuri). Alternattivament, il-pajjiż jista' jfittex li jibbenefika mis-[SGP+](#), li huwa arranġament speċjali li jinċentiva l-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba.

Rwoli u responsabbiltajiet

- 11** L-appoġġ fil-kuntest tal-AfT għall-pajjiżi l-anqas żviluppatti jopera f'ambjent kumpless li jinvolvi ħafna partijiet ikkonċernati. Dawn jinkludu l-pajjiżi l-anqas żviluppatti, l-Istati Membri (inklużi l-aġenziji nazzjonali tagħhom għall-iżvilupp, il-ministeri u l-ambaxxati tagħhom), donaturi internazzjonali oħra, id-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi sħab, id-delegazzjonijiet "reġjonali" tal-UE, il-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), is-settur privat u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.
- 12** Il-mandat tal-UE għall-AfT fil-pajjiżi l-anqas żviluppatti jaqa' prinċipalment taħt il-mandat tad-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali (DG INTPA) tal-Kummissjoni. Id-DG INTPA jimplimenta l-istrateġija tal-UE dwar l-AfT u l-appoġġ tagħha lil-LDCs. Huwa għandu l-għan li jsaħħaħ il-kummerċ għall-iżvilupp bħala komponent ewlieni tal-appoġġ mogħti mill-UE għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, u jippromwovi l-integrazzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-ktajjen tal-valur u l-flussi kummerċjali reġjonali u globali⁵. Id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ u s-Sigurtà Ekonomika (DG TRADE) huwa responsabbli mill-politika tal-UE dwar il-kummerċ ma' pajjiżi lil hinn mill-fruntieri tal-UE, inklużi l-LDCs.
- 13** Id-delegazzjonijiet tal-UE għal-LDCs huma parti mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE). Dawn ukoll għandhom rwol sinifikanti billi jfasslu programmi u pjanijiet ta' azzjoni annwali li jistgħu jinkludu l-AfT jekk tkun parti mill-istrateġija ta' dak il-pajjiż.

⁵ Pjan Strateġiku 2020–2024 tad-DG INTPA.

- 14** Il-BEI jopera bħala bank tal-iżvilupp attiv fil-qasam tal-AfT. F’Jannar 2022, il-BEI waqqaf fergħa ġdida, “BEI Globali”, biex tittratta l-operazzjonijiet kollha ta’ għoti b’self u operazzjonijiet oħra barra mill-UE. Il-BEI jista’ jiddeċiedi li jipprovdi self sovrani direttament mingħajr ebda għotja involuta jew, f’azzjonijiet oħra, tiġi pprovduta għotja ta’ finanzjament imħallat mill-Kummissjoni biex tippermetti s-self mill-BEI.

Ambitu u approċċ tal-awditu

- 15** Jekk jogħġbok irreferi għall-paragrafu **07** taħt “Messaġġi prinċipali” għall-mistoqsijiet tal-awditjar tagħna. Wara li s-suġġett ma ġiex indirizzat mill-QEA fis-snin reċenti, ir-rapport tagħna għandu l-għan li jikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni mill-Kummissjoni tal-AfT mogħtija mill-UE lill-pajjiżi l-anqas żviluppati u li ninfurmaw lil daww li jieħdu d-deċiżjonijiet fi kwalunkwe reviżjoni futura tal-arranġamenti ta’ governanza ta’ interventi ta’ AfT ġodda.
- 16** L-awditu kopra l-perjodu mill-2017, meta ġiet aġġornata l-Istrateġija tal-UE dwar l-AfT, sal-azzjonijiet imwettqa fl-2024. Id-*data* aggregata disponibbli l-aktar reċenti, madankollu, tkopri biss sal-2022 (inkluża).
- 17** L-awditu huwa bbażat fuq analiżi estensiva tad-dokumenti u l-intervisti mad-DĠ INTPA u d-DĠ TRADE fil-kwartieri ġenerali u fid-delegazzjonijiet tal-UE, kif ukoll fuq intervisti mal-persunal tas-SEAE fid-delegazzjonijiet tal-UE. Kellna wkoll laqgħat mad-WTO, il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp u rappreżentanti mill-ministeri Franċiżi u Netherlandiżi li jitrattaw l-ODA.
- 18** Minbarra li vvalutajna l-appoġġ fil-kuntest tal-AfT mogħtija mill-UE f’livell aggregat, b’mod li jkopri l-LDCs kollha, aħna għażilna erba’ LDCs għal żjarat fuq il-post: ir-Rwanda, il-Malawi, l-Angola u l-Kambodja. Din l-għażla saret biex tkopri firxa ta’ LDCs li jvarjaw fid-daqs, fil-iżvilupp ekonomiku u fil-kapaċità produttiva, u fl-arranġamenti tal-kummerċ estern, u tinkiseb firxa ġeografika.
- 19** Fil-livell tad-delegazzjonijiet tal-UE, aħna eżaminajna l-proċeduri fis-seħħ għall-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet, għall-għażla u l-implimentazzjoni tal-proġetti, kif ukoll għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar l-AfT mogħtija mill-UE. Minbarra l-persunal tad-delegazzjonijiet tal-UE⁶ f’dawn l-erba’ pajjiżi, intervistajna lill-awtoritajiet nazzjonali, lid-donaturi internazzjonali, lill-benefiċjarji tal-proġetti u lir-rappreżentanti tas-settur privat u tas-soċjetà ċivili.

⁶ Intervistajna wkoll persunal f’d delegazzjonijiet oħra tal-UE b’responsabbiltà reġjonali għal-LDCs li żorna.

- 20** Fl-erba' LDCs, għażilna wkoll disa' interventi relatati mal-AfT għal żjarat fuq il-post, magħżula sabiex ikopru firxa ta' tipi ta' intervent, f'setturi differenti u f'diversi stadji ta' tlestija (ara t-[Tabella 1](#)). Dawn ma setgħux jinkludu proġetti ta' infrastruttura, peress li kwalunkwe kuntratt introdott fil-perjodu ma jkunx matur biżżejjed biex jiġi evalwat. Għall-interventi magħżula, eżaminajna r-rabtiet tagħhom mal-AfT u mal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet, kif ukoll il-kwalità tal-implimentazzjoni u r-riżultati miksuba.

Tabella 1 | Kampjun ta' interventi magħżula

Pajjiż	Titlu	Finanzjament mill-UE (miljun EUR)
Ir-Rwanda	Laboratorju tal-Bord Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Esportazzjoni Agrikola	3.3
Ir-Rwanda	Approċċ immexxi mis-suq għal titjib fil-katina tal-valur u l-espansjoni tas-suq tal-kafè Rwandiż	2.5
Il-Malawi	KULIMA — Promoting Farming in Malawi	100
Il-Malawi	Technical Assistance to Support Malawi in Bilateral and Regional Trade Negotiations	1
L-Angola	Il-forniment ta' tagħmir tal-laboratorju u materjali konsumabbli	1.4
L-Angola	Train for Trade II	5.5
Il-Kambodja	SWITCH-Garment — Il-promozzjoni ta' prattiki sostenibbli fl-użu tal-enerġija fis-settur tal-ħwejjeġ fil-Kambodja	3
Il-Kambodja	Il-proġett ARISE + Cambodia — “ASEAN Regional Integration Support — Cambodia”	7.4
Il-Kambodja	CAPFISH Capture — Post Harvest Fisheries Development	16

Abbrevjazzjonijiet

AKP	Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku
AfT	Għajnuna għall-kummerċ
BEI	Bank Ewropew tal-Investment
COMESA	Suq Komuni għal-Lvant u n-Nofsinhar tal-Afrika
DAC	Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp
DĠ INTPA	Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali
DĠ TRADE:	Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ u s-Sigurtà Ekonomika
EFSD+	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus
FEI	Qafas Integrat Imsaħħa
LDCs	Pajjiżi l-anqas żviluppati
MIP	Programm Indikattiv Pluriennali
NDICI	Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali
NU	Nazzjonijiet Uniti
ODA	Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp
ODCs	Il-pajjiżi l-oħra li qed jiżviluppaw
OECD	Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi
PDG	Prodott domestiku gross
PIN	Programm Indikattiv Nazzjonali
SADC	Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika
SDGs	Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti
SEAE	Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
SMEs	Intrapriżi żgħira u ta' daqs medju
UNCTAD	Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp
WTO	Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Glossarju

Pjan ta' azzjoni	Dokument li jistabbilixxi l-passi li għandhom jittieħdu biex jintlaħaq għan partikolari.
Benefiċjarju	Persuna fiżika jew ġuridika li tirċievi għotja jew selfa mill-baġit tal-UE biex timplimenta proġett jew programm.
Delegazzjoni tal-UE	Rappreżentanza diplomatika tal-UE f'pajjiż mhux tal-UE jew f'organizzazzjoni internazzjonali.
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus	Pakkett ta' għotjiet, garanziji u strumenti finanzjarji oħra tal-UE biex irawwem żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli u inklużiv u jippromwovi r-reżiljenza soċjoekonomika, prinċipalment fl-Afrika u fil-Viċinat Ewropew.
Global Gateway	Strateġija tal-UE biex jinħolqu rabtiet madwar id-dinja billi jsir investiment fl-infrastruttura diġitali, tal-enerġija u tat-trasport u jissaħħu s-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka.
Gradwazzjoni	Il-proċess tan-Nazzjonijiet Uniti li permezz tiegħu pajjiż l-anqas żviluppat jiġi kklassifikat mill-ġdid bħala pajjiż b'introjtu medju inferjuri.
Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli	Is-17-il għan stabbiliti fl-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli biex jistimulaw azzjoni mill-pajjiżi kollha f'oqsma ta' importanza kritika għall-umanità u l-pjaneta.
Impatt	Il-konsegwenzi usa' fit-tul ta' proġett jew programm li jkun tlesta, bħall-benefiċċji soċjoekonomiċi għall-popolazzjoni kollha.
Impenn	Ammont assenjat fil-baġit biex jiffinanzja partita speċifika tan-nefqa, bħal kuntratt jew ftehim ta' għotja.
Indikatur ta' Rio	Indikatur, iddefinit mill-OECD, tal-punt sa fejn attività tikkontribwixxi għall-oġettivi tal-konvenzjonijiet ta' Rio.
Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ	Organizzazzjoni globali li tittratta r-regoli tal-kummerċ fost in-nazzjonijiet u tagħmilha ta' forum għan-negozjar ta' ftehimiet ta' kummerċ u biex jiġi solvut tilwim kummerċjali.
Pjan ta' direzzjoni tan-negozju	Dokument li jiġbor fil-qosor il-previżjonijiet operazzjonali u finanzjarji ta' kumpanija, u li jistabbilixxi l-mod kif din se tilħaq il-miri tagħha.
Riżultat	L-effett immedjat ta' proġett jew programm malli dan jittesta, bħat-titjib fl-impjegabbiltà tal-parteċipanti f'kors jew it-titjib fl-aċċessibbiltà wara l-kostruzzjoni ta' triq ġdida.
Self aġevolanti	Self maħruġ skont termini sinifikattivament aktar favorevoli minn dawk li huma disponibbli fis-suq.
Soċjetà ċivili	Parti tas-soċjetà, distinta mill-gvern u min-negozju, li tikkonsisti f'assoċjazzjonijiet u gruppi oħrajn li jirrappreżentaw interessi kondiviżi fid-dominju pubbliku.
Taħlit	Prattika li permezz tagħha għotjiet tal-UE jiġu magħquda ma' self jew ekwità mingħand finanzjaturi pubbliċi u privati.

Risposti tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2025-17>

Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2025-17>

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jsejtnu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla III tal-Awditjar — Azzjoni Esterna, sigurtà u ġustizzja, li hija mmexxija minn Bettina Jakobsen, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Viorel Ștefan, Membru tal-QEA.

DRITTIJIET TAL-AWTUR

© Unjoni Ewropea, 2025

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6–2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta’ dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f’avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat sakemm jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandha tkun responsabbli għall-ebda konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f’ritratti tal-persunal tal-QEA, jew jinkludi xogħlijiet ta’ parti terza.

Fejn ikun inkiseb permess ta’ dan it-tip, dan għandu jikkancelła u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b’mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta’ kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta’ proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinni rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta’ siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta’ partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

HTML	ISBN 978-92-849-5501-5	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/7044244	QJ-01-25-042-MT-Q
PDF	ISBN 978-92-849-5502-2	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/9413100	QJ-01-25-042-MT-N

KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-[Rapport Speċjali 17/2025](#): “Għajnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE lill-pajjiżi l-anqas żviluppati — Il-ħtiġijiet qed jiġu indirizzati, iżda l-finanzjament mill-UE mhux fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira għall-2030”, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

Il-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw u l-pajjiżi l-anqas żviluppati fid-dinja b'mod partikolari jħabbtu wiċċhom ma' sfidi sinifikanti li jxekklu l-aċċess tagħhom għall-kummerċ reġjonali u globali. L-assistenza permezz tal-għajnuna għall-kummerċ għandha l-għan li tgħinhom jibnu l-kapaċità u l-infrastruttura għall-kummerċ. FI-2017, l-UE aġġornat l-istrateġija tagħha stess dwar l-għajnuna għall-kummerċ, b'fokus akbar fuq il-pajjiżi l-anqas żviluppati. Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni mmiratx, implimentatx u mmonitorjatx kif xieraq l-għajnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE lil dawn il-pajjiżi. Sibna li, filwaqt li dan l-appoġġ ġeneralment qed jitwassal skont il-ħtiġijiet, huwa mhuwiex fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira ta' finanzjament tal-istrateġija għall-2023. Nagħmlu ħames rakkomandazzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu l-ġestjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, tal-għajnuna għall-kummerċ mogħtija mill-UE lill-pajjiżi l-anqas żviluppati.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Media soċjali: @EUauditors